- *Strip Search* -
- Trattament Degradanti -
- Lezjoni Artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni -
- Lezjoni Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea -

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (SEDE KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' ĠUNJU 2021**

**Kawża Numru: 1K**

**Rik. Kost. 39/2017 RGM**

**James Paul Formosa (K.I. 0327791M)**

**vs.**

**(1) Kummissarju Tal-Pulizija**

**(2) L-Avukat Ġenerali u b'digriet tat-22 ta' Jannar, 2020 ġie jaqra 'Avukat tal-Istat'**

**(3) Homemate Company Limited**
**(C 22807)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' James Paul Formosa** ippreżentat fit-22 ta' Mejju, 2017 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

Illi fl-4 ta' Jannar 2017 għal ħabta tal-12:15 l-esponenti kien jinsab ġewwa l-istabbiliment li jġib l-isem ta' "Homemate" ġewwa l-Imrieħel, ġestit mis-soċjetà intimata fejn mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi ġie imwaqqaf minn uffiċjal tas-sigurtà impjegat ġewwa l-istess stabbiliment.

Illi l-esponenti ġie akkużat illi seraq xi oġġetti mill-istabbiliment u sussegwentament ġie arrestat u msakkar ġewwa l-*board room* tal-istabbiliment fejn ġie ordnat jistenna sakemm jiġu l-Pulizija.

Illi f'xi ħin wara, l-Pulizija waslu fuq il-post fejn żammew lill-esponenti taħt l-arrest u immedjatament ipproċedew iffitxu fuq persunt l-esponenti.

Illi wara li mit-tfitxxija irriżulta illi l-esponenti ma kellux xi oġġetti fuqu, l-istess Pulizija agħmlulu *strip-search* fejn neżżgħuh għarwien.

Illi minn din l-istrip-search ma irriżultax illi l-esponenti kellhu xi oġġetti fuqu. Illi wara li lanqas din it-tfittxija ma' tat riżultat, il-Pulizija ipproċedew jinfurmaw lill-esponenti illi sejrin jeżaminaw il-filmat tas-CCTV fejn ġie ordnat jibqa' ġewwa l-istabbiliment.

Illi wara li anke minn dan il-filmat irriżulta li l-esponenti ma seraq ebda oġġetti, huwa ġie rilaxxat.

Illi dan l-aġir abbużiv u illegali tal-intimati ħalla effetti psikoloġiċi serji fl-esponenti li għadu jbgħatihom sal-lum.

Illi l-aġir tal-istabbiliment Homemate huwa wieħed abbużiv u illegali stante jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament dawk sanċiti mill-

Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Il-Gwardjan Privat għamel arrest mingħajr ebda awtorità stante l-estremi kkontemplati fil-Kapitoli 9 u 389 tal-Liġijiet ta' Malta ma kinux jeżistu fil-mument ta' arrest.

Illi l-aġir tal-intimati jew min minnhom huwa ukoll abbużiv u illegali u jilledi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatament dawk sanċiti mill-Artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali stante li l-Pulizija ma kellhom qatt jipproċedu bl-*istrip search* meta t-tfittxija fuq persunt l-esponenti uriet li ma kellhux oġġetti fuqu u a fortiori qabel ma eżaminaw il-filmat tas-CCTV tal-istabbiliment u l-istess strip-search ma kellix issir fil-preżenza ta' terzi persuni. Il-Pulizija li wasslu fuq il-post agħżlu sempliċament li jistrieħu fuq il-kelma tal-istabbiliment mingħajr ma għamlu xi forma ta' investigazzjoni qabel ipproċedew jimminaw id-dinjità tal-esponenti u neżżgħuħ minn ħwejġu quddiem terzi.

GĦALDAQSTANT u għar-raġunijiet fuq premessi l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobHa:

1. Tiddikjara li l-aġir tal-intimati jew min minnhom wassal għal ksur tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti senjatamnet l-Artikoli 34, 36 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 3, 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem; u
2. Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni nkluż il-ħlas ta' kumpens xieraq għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fuq imsemmija.

Bl-ispejjes.

Rat ir-**risposta tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija** ppreżentata fl-20 ta' Ġunju 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi in linea preliminari, l-allegazzjonijiet u t-talbiet li qed isiru mir-rikorrent fir-Rikors Promotur fejn jidher li fic-cirkostanzi odjerni r-rikorrent qed jipprova jixhet dell ikrah fuq l-operat tal-Pulizija, huma bir-rispett dovut zvijanti u abbuz minn din il-procedura straordinarja, in kwantu l-Pulizija koncernati fil-kaz odjern agixxew fil-parametri tal-ligi meta intalbu jeccedu fl-istabbiliment *Homemate* minhabba allegazzjoni ta' serq minn ufficcjal tas-sigurta li irraporta li persuna fl-istabbiliment kienet qed tagixxi b'mod suspettuz; liema allegat reat huma fid-dmir li jinvestigawh minnufih skont il-ligi;

2. Illi dejjem in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skont il-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 in kwantu r-rikorrent kellu r-rimedji ordinarji disponibbli ghalih qabel ma ntavola l-proceduri odjerni, fosthom li jipprezenta kwerela u/jew jirraporta lill-Bord tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 36 tal-kap 164 jekk deherlu li l-Pulizija koncernati agixxew b'xi mod skorrett;

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet, fosthom is-segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin, peress li r-rikorrent qed jipprova jpingi sitwazzjoni ta' vittma tac-cirkostanzi, meta fil-verita l-akkadut tal-4 ta' Jannar 2017 kien l-ezitu ta' investigazzjoni tal-Pulizija li skattat fuq rapport ta' allegat serq minn ufficcjal tas-sigurta wara li r-rikorrent kien qed jagixxi b'mod suspettuz; liema allegazzjoni l-Pulizija kellhom id-dmir u l-obbligu li jinvestigawha skont il-ligi;

4. Illi kwalunkwe allegazzjoni *da parte* tar-rikorrent fis-sens li gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu ai termini tal-Artikoli 3, 5 u 8, tal-Konvenzjoni Ewropea huma manifestament insostenibbli, senjatament tenut kont tal-fatt li l-Pulizija kienu qed jinvestigaw rapport ta' allegat serq mill-imsemmi

stabbiliment. Effettivament, appena ma irrizulta xejn fuq il-persuna tar-rikorrent, il-Pulizija koncernati infurmaw lir-rikorrent li ma kienx iktar taht arrest u li kien liberu li jitlaq minn fuq il-post;

5. Illi dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea li ghalih ghamel referenza r-rikorrent, l-istess Artikolu jipprovdi elenku ta' eccezzjonijiet ghar-regola generali li hadd ma ghandu jigi ipprivat mill-libertà tieghu, b'dan illi fic-cirkostanzi odjerni ghandu jirrizulta li ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tal-imsemmi Artikolu kif allegat mir-rikorrent;

6. Illi kwalunkwe allegat ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, huma ukoll manifestament infondati. Ghandu jinghad li, huwa d-dmir u l-obbligu tal-Pulizija li izzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku; li ma thallix li jsiru reati; li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru; li tigbor il-provi; sew kontra sew favur il-persuna suspettata li tkun ghamlet dak ir-reat, u li tressaq kull persuna akkuzata quddiem l-awtorità gudizzjarja. Ghalhekk, il-qadi ta' dan id-dmir u l-obbligu ma jista' qatt iwassal ghall-allegat ksur tad-drittijiet tar-rikorrent;

7. Illi ghar-ragunijiet fuq esposti, fic-cirkostanzi odjerni kwalunkwe talba ghal hlas ta' kumpens hija insostenibbli. Madanakollu, *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li kien hemm xi ksur, fic-cirkostanzi odjerni fl-umli fehma tal-esponenti dikjarazzjoni ta' ksur ghandha tkun sufficjenti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti fir-Rikors Promotur stante li c-cirkostanzi odjerni ma jirraprezentaw l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ai termini tal-Artikoli 34, 36 u 38 tal-Kostituzzjoni u/jew tal-Artikoli 3, 5 u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja; bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Rat ir-**risposta tas-soċjetà Homemate Company Limited** ippreżentata fis-16 ta' Ġunju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi, in linea preliminari, is-socjeta` esponenti mhijiex il-legittimu kontradittur ghar-raguni illi bhala persuna legali privata ma tistax tkun responsabbli ghal kwalsijasi allegati vjolazzjoni ta' drittijiet umani;

2. Illi konsegwentament, u in linea preliminari ukoll, huwa principju fundamentali li l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem jistghu jigu imwettqa biss mill-Istat, f'dan il-kaz il-Gvern ta' Malta u/jew mid-dipartimenti jew entitajiet rappresentanti l-istess Stat. B'hekk din il-Qorti ma tista qatt issib s-socjeta` esponenti hatja ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem u dana ghaliex hija mhix parti mill-Istat jew xi rappresentant taghha;

3. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suepost ma kien hemm l-ebda ksur ta' drittijiet umani tar-rikorrenti;

4. Illi r-rikorrent kien suspettat illi seraq xi oggetti mill-istabbiliment tas-socjeta` esponenti. Is-*Security Officer* kien innota agir suspettuz minn naha tar-rikorrent u meta r-rikorrent ghadda l-cash point minghajr ma hallas, is-*Security Officer* hass li kellu jintervjeni. Is-*Security Officer* staqsa lir-rikorrent jekk ma hallasx ghal xi prodott li kien ha u r-rikorrent wiegeb fin-negattiv. Is-*Security Officer* talbu sabiex imorru fil-*boardroom* ta' l-istess istabbiliment u r-rikorrent accetta u mar *di sua volonta`*.

5. Illi irid jinghad li s-*Security Officer* li kien fuq il-post dakinhar segwa il-proceduri li jigi attwati f'kazijiet simili ossia, per ezempju, li s-suspettat jigi mitlub jekk ma hallasx ghal xi prodott u mitlub imur gewwa ufficcju jew, bhal dan il-kaz, gewwa *boardroom* u hemmhekk s-*Security Officer* u s-suspettat jistennew li jigu l-Pulizija biex jinvestigaw il-kaz. Hekk sar f'dan il-kaz u dan skont proceduri miktuba. Jinghad ukoll li minn meta waslu l-Pulizija s-

*Security Officer* segwa l-ordinijiet tal-Pulzija bhal per ezempju, li wera l-*CCTV footage* lilhom ghal iktar investigazzjoni;

6. Illi l-agir tas-socjeta` esponenti kienet in linea mal-proceduri taghha miktuba, mal-ligi u dan agir kien ragjonevoli u proporzjonata ghas-sitwazzjoni li kellha quddiemha dakinhar u zgur ma jesiztux l-estremi sabiex tigi iddikjarata lezjoni tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-Artikolu 5 ta' Konvenzjoni Ewropeja;

7. Illi l-*strip search* li semma r-rikorrent fir-rikors promotur ma giex ordnat jew effettwat mis-socjeta` esponenti izda kienet decizjoni tal-Pulizija li gew fuq il-post dakinhar u b'hekk s-socjeta` esponenti ma tistax tirrispondi ghal dan l-agir.

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent u/jew il-konvenuti l-ohra.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi fis-7 ta' Marzu 2017 il-Qorti nominat lill-espert tekniku Dr. Martin Bajada sabiex jikkonferma kemm-il darba ir-*recordings* ppreżentati mir-rikorrent humiex awtentiċi jew jekk sarx xi forma ta' *tampering* tiegħu;

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent ippreżentata fil-15 ta' Frar 2021[2] u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija ippreżentata fit-8 t'April 2021[3];

[1] Paġna 100 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 149 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 161 et seq tal-proċess.

Rat illi s-soċjetà Homemate Company Limited naqset milli tippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli avukati tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

***Fatti fil-Qosor***

Fl-4 ta' Jannar 2017 ftit ħin wara nofsinhar ir-rikorrent kien qiegħed fl-istabbiliment Homemate ġewwa l-Imrieħel. Huwa u ħiereġ mill-imsemmi stabbiliment ġie mwaqqaf minn uffiċjal tas-sigurtà tal-imsemmi stabbiliment wara li dan kellu suspett li James Paul Formosa kien seraq xi oġġetti wara li għadda mill-*counter* u ma ħallas għal xejn. Kien għalhekk li żammu milli joħroġ mill-istabbiliment u ħadu fil-*boardroom* tal-istess stabbiliment sakemm waslu l-Pulizija.

Hekk kif waslu l-Pulizija, dawn bdew il-proċedura ta' tfittxija fuq il-persuna tar-rikorrent, u dan wara li l-istess Formosa kien tkellem mal-avukat tal-fiduċja tiegħu. It-tfittxija irriżultat fin-negattiv. Il-Pulizija għaddew imbagħad sabiex għamlu **strip search** fuq il-persuna tar-rikorrent. Minn din il-perkwiżizzjoni l-Pulizija baqgħu ma sabu xejn.

Sussegwentement il-Pulizija talbu lill-istabbiliment jaraw il-filmat tas-CCTV.

Anke mill-filmat il-Pulizija ma sabu xejn kontra r-rikorrent. Għaldaqstant ir-rikorrent ġie rilaxxat.

Ikkunsidrat;

***Provi.***

Xhed is-**Surġent Bjorn Schembri** prodott mir-rikorrent li ppreżenta kopja tar-rapport tal-Pulizija relatat mal-każ odjern. Fih hemm imniżżel hekk:

"[...] meta dan gie mistoqsi jekk kienx ha xi oġġetti bil-hsieb ta' serq, huwa cahad dawn l-akkuzi u meta s-security talab lill-istess sinjur sabiex jipprovdi xi tip ta' identifikazzjoni sabiex l-identita tieghu tkun maghrufa, huwa rrifjuta u ghaldaqstant kien ghalhekk li intalab l-assistenza tal-Pulizija.

Fuq il-post irrikorrew PS 1482 u PC 531 [...]. Saret tfittxija fuq il-persuna ta' James, fejn ma nstab xejn misruq fuqhu.

Il-Pulizija raw il-filmat tac-CCTV fejn James deher jiehu oġġett f'idejh ghal habta tat-12:26 hrs izda fl-ebda hin ma deherx ipoġġi dan l-oggett lura. Wara li huwa eżerċita dan id-dritt, il-Pulizija wettqet tfittxija fuq il-persuna fejn ma nstabu l-ebda oġġetti rregolari."[4]

L-imsemmi rapport jinkludi fih ukoll il-verżjoni tar-rikorrent fejn a tempo vergine huwa stqarr hekk:

"ma jiftakarx eżatt x'hin kien dahal eżatt fl-istabbiliment, fejn hu mar biex jixtri module 12 tal-MCB. Meta saqsa qalulu li qeghdin fuq u meta mar fuq ma sabx dak li beda jfittex. Hin minnhom saqsha haddiem, fejn sablu wahda zghira, fejn hu ma ridiex. Hin minnhom ra kaxxa tad-dawl li tidhol fil-gypsum izda wara ra li ma kinitx tajba. James niżel isfel biex imur lejn il-bieb, fejn dak il-hin is-security waqfu. Is-security staqsih 'Int hadt xi haga minghajr ma hallast?' fejn James wieġbu 'Le'. Dak il-hin qallu biex imur mieghu. James kompla jghid li s-security ma staqsiehx jekk kellux xi haga fil-but, fejn James qallu, jekk hasibx li ghandu xi haga fil-helmet, fejn hu dawwar il-helmet rasha 'l isfel quddiem is-security. Meta tela' fuq (ufficini tal-management) mas-

[4] Paġna 25 tal-proċess.

security, is-security kien ha jhallih wahda, fejn James qallu biex ma jhallihx wahdu, biex dejjem ikun hemm xi hadd xhud. James kompla jghid li hu fl-ebda hin ma thalla wahda, fejn hin minnhom mar is-supervisor tal-istabbiliment mieghu sakemm is-security telaq mill-kamra. Meta s-security rega' dahal fil-kamra, rega' staqsih jekk kellux xi haga fil-but, fejn James rega' irrisponda fin-negattiv. Dak il-hin is-security talbu n-numru tal-identità tieghu, fejn James irrifjuta li jtihulu, fejn hawn is-security cempel lill-pulizija. Wara ftit minuti waslu l-Pulizija, fejn quddiem James, is-security gie mistoqsi ghala kien mehud fil-kamra, fejn is-security irrisponda li kien fuq allegat ta' serq (xi haga fil-but). Imbaghad, James kompla jghid li l-pulizija talbuh jekk iridx ikellem avukat, fejn dan qal li kien ga kellem, u wara gie mistoqsi sabiex jinza (*strip-search*) sabiex il-pulizija jaraw jekk isibux xi haga fuq il-persuna, fejn ma nstab xejn fuq il-persuna tieghu."[5]

Waqt ix-xhieda tiegħu s-Surġent spjega li fl-4 ta' Jannar 2017 kien irċieva telefonata mill-istabbiliment Homemate fejn is-security talab għall-assistenza għax kien żamm lil xi ħadd fuq allegat serq. Jgħid li huma marru immedjatament fuq il-post u hemm il-gwardjan privat spjegalhom x'kien ra, fosthom li kien ra lir-rikorrent jieħu xi ħaġa li għattiha bil-pala ta' idejh u ma reġax rah jagħmilha posta. Meta wasal is-surġent ittieħed fil-kamra fejn kien miżmum Formosa u hemm is-Sur Formosa kien qallu li s-*security* m'għandux dritt iffittixlu imma huma iva.

Xhed li huwa qallu x'kienu d-drittijiet tiegħu u r-rikorrent informah li kien diġà fil-fatt kellem avukat. Ix-xhud qal li James Formosa staqsih jekk hux ser jieħu l-ħin għaliex huwa kien mgħaġġel. Ix-xhud spjega li huwa kien qallu li jekk ifittxulu u ma jsibu xejn huwa jkun jista' jitlaq. Is-Surġent spjega li ġaladarba kien hemm suspett ta' serq, huma għamlulu *search* skont kif titlob il-liġi. Jgħid li l-ewwel għamlulu perkwiżizzjoni fuq il-ħwejjeġ tiegħu u peress li ma sabu xejn u peress li l-gwardjan privat qalilhom li kienet xi ħaġa li kienet ġiet mogħttija bil-palma t'idejh, il-Pulizija għamlulu *strip search* u ma irriżulta xejn u għalhekk ġie rilaxxat.

[5] *ibid.*

Wara marru jaraw is-CCTV u kkonfermaw dak li kien qal is-security. Meta ġie mistoqsi għalfejn għamlu l-*strip search* qabel ma raw is-CCTV, is-Surġent spjega li saret f'dik l-ordni għaliex kienet għażla tas-sur Formosa li jsir hekk. Qal li huwa tah l-għażla li jagħmillu *search* u jekk ma jsibulu xejn ikun jista' jitlaq u dan għaliex l-eżami tal-filmati jieħu l-ħin.

Meta ġie mistoqsi għalfejn kien hemm il-ħtieġa li ssir *strip-search* ix-xhud spjega li peress li ma sabulu xejn meta ffriskjawh u peress li jidher li kien oġġett li faċilment jinħeba fl-idejn, u peress li Formosa kien jidher aġitat, huma riedu jikkonfermaw billi jagħmlu *strip-search*. Għall-mistoqsija ta' kemm kienu nies, ix-xhud jgħid li f'kamra ta' erbgħin metru kwadru kien hemm is-*security* li minn rajh mar in-naħa l-oħra tal-kamra jħares lejn il-ħajt, u tlett Pulizija fejn tnejn minnhom kienu qegħdin jgħattu lis-Sur Formosa bil-persuna tagħhom. Jikkonferma li ma kienx hemm il-*manager* u lanqas xi ħadd mill-pubbliku għajr għas-*security* li kien qiegħed iħares lejn il-ħajt. Ix-xhud qal li kien is-Sur Formosa minn rajh li qabad jinża l-ħwejjeġ u kienu l-Pulizija li waqfuh u qalulu li l-affarijiet mhux hekk.

Ir-**rikorrent James Paul Formosa** xehed permezz t'affidavit fejn spjega li fl-4 ta' Jannar 2017 huwa mar fl-istabbiliment tal-Homemate, fejn is-servizz hemmek huwa wieħed ta' *self-service* u ċioe tfittex l-affarijiet li trid u tmur tħallas għalihom ħdejn il-*cash*. Huwa jgħid li kien qiegħed ifittex 12 module unit fis-sular ta' isfel u wara li ma sabux huwa staqsa ħaddiem li kien qallu li l-affarijiet tad-dawl qegħdin fuq. Jgħid li huwa tela' fis-sular ta' fuq u meta ma sabx dak li kien qiegħed ifittex huwa staqsa ħaddiem ieħor jekk għandhomx u dan urielu kaxxa żgħira u qallu li ma kinitx tajba għalih. Qal li ħin minnhom huwa ra kaxxa tad-dawl li tidħol fil-gypsum fuq x'kaffa fil-baxx u tbaxxa biex jifliha. Meta ra li ma kinitx kif rieda hu, jgħid li qiegħda f'postha u niżel isfel biex joħroġ il-barra. Dak il-ħin is-security waqqfu billi mar quddiemu u għalaqlu l-bieb u staqsih jekk kienx ħa xi ħaġa mingħajr ma ħallas. Jgħid li huwa kien qallu li le u spjegalu li ma kienx sab dak li kien qiegħed ifittex. Ir-rikorrent kompla jgħid li dak il-ħin is-*security* ordnalu jmur miegħu fis-sular ta' fuq fl-uffiċini tal-istabbiliment fejn ħallih jistenna fil-*board room*

mingħajr ma tah raġuni għalfejn qiegħed miżmum. Ix-xhud qal li din il-kamra tinfetaħ b'*card* kemm minn barra kif ukoll minn ġewwa għalhekk malli ingħalaq il-bieb tal-*board room* huwa ġie msakkar fl-imsemmija kamra. Jgħid li s-*security* kien ser iħallih waħda iżda huwa insista li jkollu lil xi ħadd hemm xhud tiegħu. Fil-fatt ġiet persuna fejn poġġiet ħdejh imma ma qaltlux min kienet. Kompla jispjega li wara ħin twil reġa' mar is-*security* fejn baqa' jakkużah li kien seraq xi ħaġa u li poġġiha fil-but. Jgħid li huwa baqa' jinsisti li ma kienx il-każ. Jgħid li s-*security* staqsih għal karta tal-identità iżda huwa rrifjuta li jagħtihielu u qallu li huwa jagħtiha biss lill-pulizija, gwardjan jew *lawful authority*. Kien f'dan il-mument li huwa ċempel lill-Pulizija.

Ir-rikorrent kompla jispjega li x'ħin waslu l-Pulizija dawn qalulu li ser jagħmlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Fil-preżenza tas-*security* huwa ġie mitlub l-karta tal-identità, n-numru tal-mowbajl u saret it-tfittxija. Jgħid li fil-ġakketta ma sabu xejn u tfittxija baqgħet sejra sa *strip-search* liema perkwiżizzjoni, skont ix-xhud "saret quddiem diversi persuni oħra inkluz pulizija ohrajn u anke s-security"[6]. Jgħid li din it-tip ta' tfittxija ma kellhiex issir meta huwa kien ra biss oġġett li kien pjuttost kbir u impossibbli li jinħeba. Ix-xhud jgħid li huwa ġie rilaxxat wara li l-pulizija kienu raw illi mill-filmat tas-CCTV ma kien irriżulta xejn. Jgħid li huwa baqa' sejjer l-għassa sabiex jagħmel rapport dwar dan l-inċident. Ix-xhud jikkonkludi l-affidavit hekk billi jispjega x'effett psikoloġiku ħalla fuqu dan l-inċident:

> "Dan l-incident halla effett detrimentali fuqi. Bqajt affetwat b'mod hazin hafna u ghadni affetwat sal-gurnata tal-lum. Aghmilt l-ewwel gimghat ma stajtx norqod u x'hin norqod dejjem nohlom b'dan l-incident jew b'xi incident simili. Nghid illi meta kont gewwa l-istabbiliment iltqajt ma' student tieghi. Ghal xi raguni mohhi dejjem baqa' jewden li dan l-istudent rani nigi arrestat mis-security u ra l-pulizija gejjien ghalija.
>
> Ta' kuljum u kull hin u kull mument mohhi kien jahseb fuq l-incident. Spiccajt nikkumbatti mieghi nnifsi kull filghodu sabiex inmur ghax xoghol

[6] Paġna 33 tal-proċess.

ghaliex lanqas mis-sodda ma kont inrid nohrog. Qtajt kuntatt mal-hbieb u r-relazzjoni ma' dawk ta' madwari marret hazin ghaliex hadd ma kien qed jifhimni u jifhem minn x'hiex ghaddej u kont ghaddej.

Tant iggravat is-sitwazzjoni li l-familjari tieghi issuggerewli nfittex ghajnuna. Irrikorrejt ghand psikjatra Dr. Joseph Spiteri gewwa l-Health Clinic f'Had Dingli sabiex jaghtini l-ghajnuna. Il-psikjatra ikkonkluda li qed inbaghti minn Post Traumatic Stress Disorder. Huwa taghni l-kura ghaliha. Ghalkemm ghadni nbaghti bosta sintomi, l-kura kienet ta ghajnuna kbira ghalija. Il-medicina ghadni nehodha u ma nistax inwaqqafha jekk mhux b'ordni tal-psikjatra.

Illum il-ġurnata ghadni xorta inbghati minn diversi problemi. Go stabbilimenti fejn nara security guard rari nidhol u ġieli jekk inkun dhalt u nara security guard, nohrog il-barra. Dawk li jkollhom cameras jew security jqabbduni anzjeta kbira b'tali mod li ġismi jibda jirtodd u jkolli nitlaq il-barra. Illum il-gurnata qieghed norqod b'mod konsistenti izda meta naqra b'xi incident simili jew inkella jkolli gurnata stressanti, nispicca nbghati biex norqod u meta norqod nispicca nerga nohlom b'dan l-incident jew b'xi haga simili."[7]

Ir-rikorrent xehed ukoll viva voce fejn fiha qiegħed jikkontesta xi affarijiet li qal is-Surġent Schembri fix-xhieda tiegħu. Il-punti li qiegħed jikkontesta huma s-segwenti:

a. M'huwiex minnu li huwa qal lis-Surġent li s-*security* ma jistax ifittxlu imma l-Pulizija jistgħu;
b. M'huwiex minnu li huwa staqsa jekk kinitx ser tieħu l-ħin u qatt ma ingħata ċ-ċans jagħti l-verżjoni tiegħu lill-Pulizija;
c. Huwa kien qiegħed ifittex żewġ tipi ta' *switch boxes* – dawk li jidħlu fil-ħajt u dawk li jidħlu fil-gypsum – li huwa impossibbli li wieħed jaħbihom fil-pala ta' idejh;

[7] *ibid*.

d. M'huwiex minnu li huwa ingħata l-għażla li ssirlu *strip search* qabel issir analiżi tal-filmat;
e. Qatt ma ġie ffriskjat;
f. Il-*board room* ma ntużatx kollha; u
g. M'huwiex minnu li s-*security* kien qiegħed iħares lejn il-ħajt iżda kien qiegħed iħares lejh il-ħin kollu.

Dwar dak li ingħad mis-*security* fix-xhieda tiegħu (aktar 'l quddiem), ir-rikorrent jgħid li l-*key guard* tintuża sabiex tidħol fl-uffiċini ta' Homemate u mhux biex tidħol fil-*board room* imma l-*board room* qiegħda fil-livell tal-uffiċini u għalhekk kemm biex tidħol u kemm biex toħroġ minn dan is-sular hemm bżonn il-*key guard*.

Waqt din ix-xhieda ir-rikorrent ippreżenta żewġ *recordings* (inkluż it-traskrizzjoni tagħhom), wieħed ta' x'kien qiegħed jingħad fil-*board room* u l-ieħor ta' telefonata li saret bejn PS Schembri u l-avukat tar-rikorrent dwar xi kwerela li huwa xtaq jagħmel.

Xehed il-**Psikjatra Dr. Joseph Spiteri** fejn spjega li f'Lulju 2017 James Paul Formosa kien ġie riferut b'urġenza l-klinika privata tiegħu u mid-dijanjosi ħareġ li Formosa kien qiegħed ibagħti minn Post Traumatic Stress Disorder u dan wara inċident li allegatament kellu f'Jannar 2017. Spjega li waqt l-inċident huwa ma kienx preżenti iżda huwa ra li kien hemm stat akut ta' dipressjoni u anzjeta qawwija relatata mal-inċident tant li meta jkun f'sitwazzjoni bħal dik li kellu huwa jaqbdu paniku u bil-lejl joħlom fuq dawn l-affarijiet.

Xehed **Khaled Alugirn**, is-*security officer*. Huwa spjega li huwa ħa r-rikorrent fil-*board room* għaliex kellu suspett li r-rikorrent kien ħa xi ħaġa mill-ħanut mingħajr ma ħallas għaliha. Jgħid li huwa ma setax ifittex fuq il-persuna ta' Formosa għax m'għandux dritt jagħmel hekk. Meta ġie mistoqsi jekk Formosa setax jitlaq mill-kamra li kien imqiegħed fiha x-xhud jgħid li iva setgħa billi jiftaħ il-bieb normali u jinżel billi juża l-lift jew it-taraġ. Jgħid li huwa ma qalx lil Formosa kif joħroġ għax dan ma staqsihx imma kieku staqsih kien jgħidlu.

Ix-xhud jgħid li l-Pulizija għamlu xogħolhom u qalulu li ma sabulu xejn però jgħid li min-naħa tiegħu huwa kien qiegħed jagħmel xogħlu u jekk kellu suspett huwa kellu jagħmel l-indaġini tiegħu. Meta ġie mistoqsi kif sar it-tfittix fuq Formosa, ix-xhud jgħid li huwa qagħad 'il bogħod u x'ġara ma jafx għalkemm huwa kien qiegħed iħares "lejn il-ħajt u lilhom imma kont qed inhares fid-direzzjoni taghhom"[8].

Fir-**relazzjoni peritali, Dr. Martin Bajada** spjega li filwaqt li ma jirriżultax li sar *tampering* fiż-żewġ recording, ir-*recording* tat-telefonata bejn s-Surġent u l-Avukat għandu nieqes il-bidu u t-tmiem tat-telefonata, filwaqt fit-tieni *recording* li huwa reġistrazzjoni u mhux telefonata, it-tmiem tiegħu jieqaf ħesrem. L-espert jinnota wkoll li fuq iż-żewġ *recordings* ma hemmx data u ħin meta ġew reġistrati.

Reġgħa xehed is-**Surġent Bjorn Schembri** din id-darba bħala xhud tal-Kummissarju tal-Pulizija. Is-Surġent spjega x'kien qallu s-*security* meta huma waslu fuq il-post. Is-Surġent jerġa' jispjega li huwa kien ta l-għażla lil James Paul Formosa jekk jixtieqx li ssir is-*search* qabel jaraw il-filmat u li qallu li jekk ma jsibulu xejn ikun jista' jitlaq. Jgħid li Formosa għażel li jagħmlulu s-*search* iżda għalkemm ma sabulu xejn fuqu, Formosa baqa' hemm jistennih sakemm huwa ra l-filmat. Skont is-Surġent, Formosa baqa' jistennih sabiex jeħodlu l-istqarrija. Jgħid li hu spjegalu li xorta ried jiffirma xi karti tad-drittijiet tal-avukat eċċ l-għassa u għalhekk Formosa mar l-għassa wkoll biex jiffirma dawk il-karti. Is-Surġent spjega li huwa ħa l-istqarrija uffiċċjali l-għassa però Formosa kien diġà tah il-verżjoni tiegħu meta kienu fil-*board room*. Ix-xhud qal li Formosa kien qallu li huwa mar fl-istabbiliment tal-Homemate għal xi affarijiet u ġaladarba ma sabx li kien qiegħed ifittex huwa mar sabiex joħroġ mill-bini. Is-Surġent qal li huwa nforma lil James Paul Formosa li la jkollhom suspett raġonevoli jridu jagħmlu xogħolhom però fl-ebda ħin Formosa ma deher li kien qiegħed jibża' pjuttost bil-kontra.

[8] Paġna 42 tal-proċess.

Meta ġie mistoqsi kif irreaġixxa u jekk ikkoperax ir-rikorrent meta sar jaf li ser jagħmlu tfittxija fuq il-persuna tiegħu, is-Surġent spjega li r-rikorrent kien kalm u kkopera mill-ewwel u "anzi hu dak il-hin kien ser jaqbad u jnehhi l-hwejjeg kollha ghax ahna morna f'kantuniera u l-pulizija *they shielded him*, tlieta mdawwrin f'kantuniera biex ovjament dan kien ser jaqbad u jinza kollox u ghidnielu mhux hekk il-procedura, haga, haga, kellu flok li jaghttilu kwazi gismu kollu jigifieri once li ghamel il-flokk, rega libes il-flokk il-privatezza tieghu anzi kienet rispettata"[9]. Jikkonferma li l-kamra li fiha saret it-tfittxija fuq il-persuna ta' Formosa kienet waħda privata u li biex titla għal kamra li kienu fiha, wieħed irid ikun eskortat mis-*security* u wieħed ma jistax jaqbad u jidħol fiha.

Is-Surġent spjega li huwa ra l-filmat wara li saret it-tfixxija fuq il-persuna tar-rikorrent, liema filmat huwa rah fil-preżenza tal-gwardjan privat iżda mhux tar-rikorrent għaliex hija area privata. Dwar min kien preżenti waqt it-tfittxija, ix-xhud spjega li kienu hu u żewġ kuntistabbli u s-*security* li kien għamel ir-rapport iżda dan tal-aħħar ma kienx qiegħed jara x'inhu jiġri għaliex kien in-naħa l-oħra tal-kamra u peress li kienu qegħdin jgħattu lil Formosa bil-persuna tagħhom dan ma setax jara x'kienu qegħdin jagħmlu.

Jgħid li huma mxew skont il-proċedura u li huwa konxju taċ-ċirkulari bil-linji gwida ta' kif għandha ssir *strip-search*. Fuq diversi mistoqsijiet tal-Qorti, ix-xhud spjega li fil-filmat huwa kien ra l-istess ħaġa li kien ra s-security u ċioe li kien ħa xi ħaġa minn xkaffa iżda ma deherx jerġa jqiegħda lura iżda huwa kompla jara l-filmati billi segwa x'kien qiegħed jagħmel ir-rikorrent. X'kienet din il-ħaġa li Formosa ħa minn fuq l-ixkaffa s-Surġent ma setgħax jgħid għajr li kien oġġett żgħir. Jgħid li waqt li l-persuna kienet qiegħda timxi, il-viżibilità ta' idejh ma kinitx daqshekk ċara.

Għal mistoqsija tal-Qorti jekk kienx mar fuq il-post fejn ir-rikorrent allegatament kien ħa xi oġġett minn fuq l-ixkafef, is-Surġent jikkonferma li mar fiżikament ħdejn l-ixkafef li kienu fis-sular ta' isfel u milli jiftakar hu fuq

[9] Paġna 121 tal-proċess.

dawk l-ixkafef kien hemm xi bozoz żgħar. Ix-xhud jispjega li l-ħtieġa li ssir *strip-search* inħasset peress skont dak li qalilhom is-security l-oġġett li huwa kien rah jieħu u li ma poġġiex postu kien ta' dimensjoni żgħira.

Xehed ukoll il-**Kuntistabbli Jurgen Vella** fejn ikkonferma li huwa kien dettaljat bħala *second watch* fl-Għassa ta' Ħal Qormi. Jgħid li fl-14 ta' Jannar 2017 għal ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar irċevew telefonata li s-security kien qiegħed iżomm persuna taħt suspett ta' serq. Jgħid li b'mod immedjat marru fuq il-post hu, kuntistabbli ieħor u s-Surġent Bjorn Schembri. Jgħid li s-security li għamel it-telefonata ħadhom fil-kamra li kien qiegħed iżomm lis-suspettat. Ix-xhud jgħid li quddiem il-persuna miżmuma, is-Surġent dahar fuq is-security u staqsih x'kienet ir-raġuni li kien qiegħed iżomm lis-sinjur, u s-security għadda sabiex jispjega x'kien li qanqal is-suspetti tiegħu.

Il-kuntistabbli Vella xhed li r-rikorrent tahom id-dettalji tiegħu. Jgħid li s-Surġent kien staqsih jekk iridux l-ewwel jaraw il-filmat tas-CCTV jew jipproċedu bit-tfittxija (*frisking*). Jgħid li Formosa kien viżibbilment aġitat u panikuż u beda jgħidilhom li hu mhux ta' dawn l-affarijiet u li mgħaġġel biex jitlaq u li jista' jagħmel tfittxija fuq il-persuna tiegħu. Wara li saret din it-tfittxija fuq Formosa u rriżultat fin-negattiv, is-Surġent informah li ser ikollhom jagħmlu *strip-search* u malli semgħa hekk, Formosa qabad neħħa l-ġakketta mill-ewwel u kien ħa jinża ż-żarbun b'siequ stess u s-Surġent waqfu immedjatament u qallu l-proċedura mhux hekk.

Għall-mistoqsija tal-Qorti x'kien l-oġġett li kienu qegħdin ifittxu, ix-xhud jgħid li minn informazzjoni li s-security kien ta' lis-Surġent kien qiegħed ifittex MCB, xi ħaġa tal-*eletronics* li allegatament kien tefa fil-but. Jispjega li l-i*strip search* saret mis-Surġent u hu u l-kuntistabbli l-ieħor kienu qegħdin jgħattu lill-individwu filwaqt li l-*security* ingħata l-ordni mis-Surġent sabiex imur fuq wara tal-kamra u ma jħarisx lejhom. Din it-tfixxija saret u irriżulta kollox fin-negattiv u hemmhekk is-Surġent informa lil Formosa li ħa jmur jara l-filmat flimkien mas-*security* u l-kuntistabbli l-ieħor u hu ġie ordnat mis-Surġent sabiex jibqa' fil-kamra ma' Formosa sakemm jiġu lura.

Jgħid li x'ħin waslu lura s-Surġent informa lil Formosa li mill-filmat kien veru jidher li qabad xi ħaġa minn fuq xkaffa li tant kienet żgħira li inħbiet bil-pala tal-id u li baqa' mixi u fl-ebda ħin ma jerġa' jitfagħha lura fuq l-ixkaffa. Is-Surġent informah jekk iridx jagħti l-verżjoni tiegħu fuq il-post jew inkella jinżilx l-Għassa Ħal Qormi. Formosa ta l-verżjoni tiegħu u s-Surġent informah li m'għadux taħt arrest. Is-Surġent qal lil Formosa li għandu bżonnu biex imur jiffirma dikjarazzjoni li għamel użu mid-dritt tal-avukat u wara li dan mar l-Għassa jiffirma, kollox waqaf hemm.

Dwar jekk il-*board room* hijiex aċċessibbli għall-pubbliku, ix-xhud jgħid li mhux aċċessibbli għax-xerrejja iżda hija aċċessibbli għall-impjegati però jispjega li waqt li kienet qiegħda ssir l-i*strip-search* kien hemm preżenti hu, is-Surġent, il-kuntistabbli l-ieħor u s-security. Bħala miżura biex ma jidħlux nies fil-kamra, huma qagħdu viċin il-bieb biex iwaqqfu lil xi ħadd milli jista' jidħol u fl-istess ħin jgħattu lil Formosa.

Xehed il-**Kuntistabbli Mario Caruana** fejn spjega li huma ġew imsejjħa biex imorru l-Homemate fl-4 ta' Jannar 2017 u dan wara li s-security kien żamm persuna wara li kellu suspetti li kien seraq xi oġġett. Hu flimkien mas-Surġent Bjorn Schembri u l-Kuntistabbli Jurgen Vella marru fuq il-post u s-security tahom il-verżjoni tiegħu. Il-persuna kienet qiegħda tinżamm ġo *meeting room* tal-imsemmi stabbiliment. Jgħid li ma kellhom l-ebda problemi ma' Formosa u li dan mill-ewwel tagħhom l-informazzjoni fuq l-identità tiegħu u ċaħad li qatt seraq xi ħaġa u li kien mgħaġġel. Ingħata d-drittijiet tiegħu u għażel li jkellem lill-avukat. Is-Surġent reġa' staqsih jekk għandux oġġetti misruqa fuqu u baqa' jgħid li m'għandux. Jgħid li fittxew fuq il-persuna ta' Formosa u ma sabu xejn. Spjega li s-Surġent staqsa lil Formosa jekk għandux oġġezzjoni li jagħmillu *strip search* u rrisponda li ma jsibx oġġezzjoni għax kien mgħaġġel u fil-fatt qabad jinża l-ħwejjeġ kollha f'daqqa u s-Surġent waqfu u qallu li mhux hekk.

Ix-xhud jgħid li s-Surġent ordna lis-*security* iħares lejn in-naħa l-oħra filwaqt li huma kellhom jgħattu lil Formosa. Jispjega li minn din it-tfixxija ma rriżulta xejn lanqas. Ix-xhud spjega li s-Surġent kien offra lil Formosa li l-ewwel jaraw il-filmat qabel jagħmlu s-*search* u Formosa ried li l-ewwel issir is-*search* għax kien mgħaġġel. Il-kuntistabbli jikkonferma li huwa mar mas-Surġent sabiex jara l-filmat u fih dan il-filmat ra lil Formosa jieħu xi oġġett żgħir u ma deherx jirritornah lura però ma jafx x'kien dan l-oġġett. Jispjega li huwa ra lil Formosa jieħu oġġett u dar b'dahru lejn is-CCTV u għalhekk ma setax jara eżatt fejn poġġa l-oġġett iżda kien jidher li qiesu daħħalha fi ħwejġu. Il-kuntistabbli jispjega li wara li għamlulu s-*search* Formosa telaq u l-filmat rawh wara li telaq u dan għamluh biex jakkomodaw lilu peress li kien mgħaġġel.

Ikkunsidrat;

**L-Eċċezzjoni ta' Homemate Co. Ltd. li Ma Hiex Leġittimu Kontradittur f'kawża Kostituzzjonali**.

L-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Homemate Company Limited hija ta' natura preliminari fejn qiegħed jiġi eċċepiet illi m'hijiex il-leġittimu kontradittur stante li bħala persuna legali privata ma tistax tkun responsabbli għal kwalunkwe allegat vjolazzjoni ta' drittijiet tal-bniedem.

Dwar dan il-punt, din il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela vs. L-Onor. Prim Ministru et** deċiża fis-7 ta' Diċembru 1990:

> "F'kawżi ta' natura kostituzzjonali bbażati fuq id-drittijiet fundamentali, il-leġittimi kontradittur ta' dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L-ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma, direttament jew indirittament, responsabbli għall-kummissjoni jew omissjoni ta' xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-liġi. Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-omissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuni tal-ewwel kategorija

jistgħu jkunu responsabbli biex jagħtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta' dritt fundamentali, tissanzjona. It-tielet kategorija mbagħad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawża meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala' fuq jew waqt xi proċedura ġudizzjarja."

Fid-dawl tas-sentenza suċċitata il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Partit Nazzjonalista et vs. Kummissjoni Elettorali et**. (Rik Kost 26/2013) deċiża fid-29 ta' Mejju 2015 eleborat li "Dawn il-kategoriji ma humiex neċessarjament eżawrjenti u ma jistgħux jitqisu illi jeskludu kategoriji oħra."

Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza nostrana illi f'kawżi ta' indoli kostituzzjonali u/jew konvenzjonali huwa l-Istat illi għandu jwieġeb għall-vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali billi huwa l-Istat illi għandu l-obbligu illi jassigura illi l-liġijiet ma joħolqux żbilanċ inġust bejn id-drittijiet tal-persuna u l-obbligi tal-Istat.

Ikkunsidrat;

**Allegat Ksur tad-Dritt Fundamentali minn Soċjeta' Kummerċjali**.

Fil-kawża tal-lum, ir-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt illi s-soċjetà Homemate Company Limited illediet l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni meta sar arrest mingħajr ebda awtorità. Ir-rikorrent qiegħed ukoll jippremetti li s-soċjetà intimata aġixxiet b'mod abbużiv u illegali meta l-Pulizija pproċedew bl-*strip search*. Ir-rikorrent qiegħed jitlob li jingħata rimedju li jkun xieraq u opportun inkluż il-ħlas ta' kumpens xieraq għall-ksur tal-imsemmija drittijiet da parti tas-soċjeta' intimata Homemate Company Ltd.

Fl-ewwel lok din il-Qorti tqis li huwa ferm ċar mill-provi mressqa waqt il-prosegwiment tal-kawża li l-istabbiliment ma kienx involut fl-i*strip search*.

Dan lanqas m'huwa ikkontestat mir-rikorrent tant li fir-rikors promotur huwa ppremetta li "l-Pulizija ma kellhom qatt jipproċedu bl-*istrip search*"[10]. F'dan ir-rigward għalhekk din il-Qorti tasal sabiex tikkonkludi li s-soċjetà intimata m'hijiex leġittimu kontradittur fir-rigward tal-allegat trattament inuman u ksur tad-dritt għall-intimita' tad-dar jew proprjeta' oħra u allura protetti bl-Artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni relatat mal-i*strip search.*

Mhux l-istess pero' fir-rigward tal-allegat leżjoni tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni relatat mal-allegat arrest tar-rikorrent da parti tal-uffiċjal tas-sigurta' tas-soċjeta' intimata.

L-Artikolu 34 (4) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li "(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna." Għaldaqstant in vista ta' dak provdut f'dan is-sub-artikolu jekk din il-Qorti ssib li kien hemm leżjoni tal-imsemmija artikolu, din il-Qorti tista' tordna lis-soċjetà intimata twieġeb billi tħallas lir-rikorrent kumpens adegwat.

Tqis għalhekk illi s-soċjetà Homemate Company Limited hija leġittimu kontradittur limitatament fil-konfront tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni. Il-Qrati tagħna ġia fissru li d-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti f'kawża tkun leġittimu kontradittur ma tfissirx li l-Qorti ma setgħetx, fil-konsiderazzjoni tal-eċċezzjonijiet imqajma kontra t-talbiet rikorrenti, tasal għall-konklużjoni li l-intimat – meqjus *prima facie* bħala leġittimu kontradittur – jista', wara l-kunsiderazzjoni tal-kawża, jirriżulta għal kollox estraneju għar-responsabbiltajiet lilu addebitati mir-rikorrent fl-azzjoni minnu tentata[11].

Ikkunsidrat;

---

[10] Paġna 2 tal-proċess.

[11] **Marouska Fenech vs. Support Services Limited et** (Rik Ġur Nru 388/14 JRM) deċiża mill-Prim'Awla fit-8 ta' Mejju 2018 (pendenti fl-appell). Ara wkoll **Frankie Refalo et vs. Jason Azzopardi et** (Appell Ċivili Nru 1365/1992/2) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-5 t'Ottubru 2001.

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-Avukat Ġenerali, illum l-Avukat tal-Istat, u l-Kummissarju tal-Pulizija eċċepew li r-rikorrent kellu rimedji ordinarji disponibbli għalih qabel ma intavola l-proċeduri odjerni.

Għalkemm f'din l-eċċezzjoni l-imsemmija intimati għamlu referenza għal possibilità li ssir kwerela u / jew rapport lill-Bord tal-Pulizija ai termini tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 164 (Att dwar il-Pulizija), huma naqsu milli jressqu provi dwar din l-eċċezzjoni u dwar jekk ir-rimedji humiex effettivi. L-intimati naqsu wkoll milli jagħmlu sottomissjonijiet dwar din l-eċċezzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

Dawn odjerni huma proċeduri ta' natura kostituzzjonali, fejn il-pern tal-azzjoni u dak li qiegħed jintalab mir-rikorrent hija dikjarazzjoni ta' ksur ta' drittijiet umani u fejn ir-rimedju li qiegħed jintalab huwa kumpens xieraq.[12] Ġaladarba l-intimati naqsu milli jġibu prova li l-kwerela u / jew ir-rapport lill-Bord ta' Pulizija, setgħu jindirizzaw dawn it-talbiet, din il-Qorti hija kostretta tiċħad din l-eċċezzjoni u sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati Avukat tal-Istat u tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkunsidrat;

Ir-rikorrent bis-saħħa ta' din l-azzjoni qiegħed jitlob dikjarazzjoni li bl-aġir tal-intimati jew min minnhom wassal sabiex ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti taħt l-Artikoli 34, 36 u 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 3, 5, u 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem. Ir-rikorrent qiegħed ukoll jitlob rimedju li huwa xieraq u opportun nkluż ħlas ta' kumpens.

[12] Ara **Tno Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'April 1991.

***Leżjoni tal-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni***

Is-Sur Formosa jispjega li dawn l-artikoli ġew leżi fil-mument li l-uffiċċjal tas-sigurtà tas-soċjetà intimata abbużivament u b'mod illegali arrestah mingħajr ebda awtorità u dan għaliex l-estremi kontemplati f'Kapitolu 9 (Kodiċi Kriminali) u Kapitolu 389 (Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità) ma kienux jeżistu fil-mument tal-arrest.

L-**Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni** jipprovdi s-segwenti:

"(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mill-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin, jiġifieri –

(a) bħala konsegwenza tal-inkapaċità tiegħu li jwieġeb għal akkuża kriminali;
(b) fl-esekuzzjoni tas-sentenza jew ordni ta' qorti, sew Malta sew band'oħra dwar reat kriminali li tiegħu ikun ġie misjub ħati;
(ċ) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti li tikkundannah għal disprezz lejn dik il-qorti jew lejn qorti jew tribunal ieħor jew fl-esekuzzjoni tal-ordni tal-Kamra tad-Deputati li tikkundannah għal disprezz lejha stess jew lejn il-membri tagħha jew għal ksur ta' privileġġ;
(d) fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti magħmul biex jiżgura twettiq ta' xi obbligu impost lilu b'liġi;
(e) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' qorti jew quddiem il-Kamra tad-Deputati fl-esekuzzjoni tal-ordni ta' dik il-Kamra;
(f) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali;
(g) fil-każ ta' persuna li ma tkunx għalqet l-età ta' tmintax-il sena, għall-iskop tal-edukazzjoni u ġid tagħha;
(h) sabiex jiġi evitat it-tixrid ta' marda infettiva jew kontaġġuża;
(i) fil-każ ta' persuna li tkun, jew tkun raġonevolment suspetta li tkun, ta' moħħ marid, mogħtija għan-narkotiċi jew xorb, jew vagabonda, għall-iskop tal-kura jew trattament tagħha jew protezzjoni tal-komunità; jew

(j) sabiex jiġi evitat id-dħul illeġittimu ta’ dik il-persuna f’Malta, jew sabiex tiġi effettwata l-espulsjoni, l-estradizzjoni jew it-tneħħija leġittima oħra ta’ dik il-persuna minn Malta jew it-teħid ta’ proċeduri dwar hekk jew sabiex tiġi mrażżna dik il-persuna waqt li tkun qed tiġi mgħoddija minn Malta fil-kors tal-estradizzjoni jew tneħħija tagħha bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor.

(2) Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nformat, fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, f’ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet tal-arrest jew detenzjoni tiegħu:

Iżda jekk interpretu jkun meħtieġ u ma jkunx disponibbli malajr jew jekk ikun xort’oħra imprattikabbli li jiġu mħarsa d-disposizzjonijiet ta’ dan is-subartikolu fil-ħin tal-arrest jew detenzjoni tiegħu, dawn id-disposizzjonijiet għandhom jiġu mħarsa kemm jista’ jkun malajr.

(3) Kull min jiġi arrestat jew detenut –

(a) sabiex jinġieb quddiem qorti fl-esekuzzjoni tal-ordni ta’ qorti; jew

(b) fuq suspett raġonevoli li jkun ikkommetta, jew li jkun sejjer jikkommetti, reat kriminali,

u li ma jiġix meħlus, għandu jinġieb quddiem qorti mhux aktar tard minn tmienja u erbgħin siegħa wara; u jekk xi ħadd arrestat jew detenut f’xi każ bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) ta’ dan is-subartikolu ma jiġix iġġudikat fi żmien raġonevoli, f’dak il-każ, bla ħsara għal kull proċeduri oħra li jistgħu jinġiebu kontra tiegħu, huwa għandu jiġi meħlus jew bla kondizzjoni jew b’kondizzjonijiet raġonevoli, magħduda b’mod partikolari dawk il-kondizzjonijiet li jkunu meħtieġa raġonevolment biex jiġi żgurat li huwa jidher f’data aktar tard għall-kawża jew għall-proċeduri preliminari għall-kawża.

(4) Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi persuna oħra jkollu dritt għal kumpens għal hekk minn dik il-persuna.

(5) Ebda ħaġa li hemm fi jew li tkun magħmula bl-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza t-teħid matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika skont ma hu msemmi fil-paragrafu (a) jew (ċ) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 47 ta' din il-Kostituzzjoni ta' miżuri li jkunu raġonevolment ġustifikabbli sabiex tiġi affrontata s-sitwazzjoni li teżisti matul dak il-perijodu ta' emerġenza pubblika.

(6) Jekk xi ħadd li jkun detenut legalment bis-saħħa biss ta' liġi bħal dik imsemmija fis-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan hekk jitlob f'xi żmien matul il-perijodu ta' dik id-detenzjoni mhux qabel sitt xhur wara li jkun għamel l-aħħar talba bħal dik matul dak il-perijodu, il-każ tiegħu jiġi rivedut minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi u magħmul minn persuna jew persuni li kull waħda minnhom ikollha jew kellha kariga ġudizzjarja jew tkun kwalifikata biex tiġi maħtura għal kariga bħal dik f'Malta.

(7) Wara xi reviżjoni minn tribunal skont is-subartikolu li jaħbat l-aħħar qabel dan tal-każ ta' xi persuna detenuta, it-tribunal jista' jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar il-ħtieġa jew espedjenza tat-tkomplija tad-detenzjoni tagħha lill-awtorità li minnha kienet ġiet ordnata iżda kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra b'liġi, dik l-awtorità ma tkunx obbligata taġixxi skont xi rakkomandazzjonijiet bħal dawk."

Min-naħa l-oħra l-**Artikolu 5 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna.

Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:

(a) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;

(b) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna għal nuqqas ta' tħaris ta' ordni skont il-liġi ta' qorti jew sabiex jiġi żgurat it-twettiq ta' xi obbligu preskritt mil-liġi;

(ċ) l-arrest jew detenzjoni skont il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat;

(d) id-detenzjoni ta' minuri b'ordni skont il-liġi għall-iskop ta' sorveljanza edukattiva jew id-detenzjoni tiegħu skont il-liġi sabiex jiġi miġjub quddiem l-awtorità legali kompetenti;

(e) id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuni biex jiġi evitat it-tixrid ta' mard infettiv, ta' persuni mhux f'sensihom, addetti għall-alkohol jew għad-drogi jew vagabondi;

(f) l-arrest jew id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna biex jiġi evitat li tidħol mingħajr awtorità fil-pajjiż jew ta' persuna li kontra tagħha tkun qed issir kawża għad deportazzjoni jew għall-estradizzjoni.

(2) Kull min ikun arrestat għandu jiġi nfurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet tal-arrest tiegħu u dwar kull akkuża kontra tiegħu.

(3) Kull min ikun arrestat jew detenut skont id-disposizzjonijiet tal-paragrafu (1) (ċ) ta' dan l-Artikolu għandu jinġieb minnufih quddiem imħallef jew funzjonarju ieħor awtorizzat b'liġi biex jeżerċita setgħa ġudizzjarja u jkollu dritt għal proċeduri fi żmien raġonevoli jew għal ħelsien waqt pendenza tal-proċeduri. Il-ħelsien jista' jkun taħt kundizzjoni ta' garanziji biex jidher għall-proċeduri.

(4) Kull min ikun ipprivat mil-libertà tiegħu b'arrest jew detenzjoni jkollu dritt li jagħmel proċeduri biex il-legalità tad-detenzjoni tiegħu tiġi deċiża malajr minn qorti u l-libertà tiegħu tiġi ordnata jekk id-detenzjoni ma tkunx skont il-liġi.

(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens."

Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tara jekk l-arrest tar-rikorrent kienx tassew wieħed arbitrarju u jekk jiksirx xi waħda jew aktar miż-żewġ dispożizzjonijiet hawn fuq kwotati li dwarhom ir-rikorrent isejjes it-talba tiegħu.

Għalkemm fit-talba tiegħu r-rikorrent isemmi l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni bħala dawk l-artikoli li ġew leżi, l-istess rikorrent fit-talba tiegħu ma jispeċifikax liema sub-artikoli tal-istess allegatament ġew leżi u dan nonostante li dawn l-artikoli fihom diversi drittijiet distinti. B'danakollu mill-premessi tar-rikors promotur jistgħu jiġu inferiti d-dispożizzjonijiet relevanti, u ċioe l-eżistenza ta' suspett raġonevoli bħala raġuni li tilleġittima l-arrest sanċit taħt l-Artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 34(1)(f) tal-Kostituzzjoni.

Bħala prinċipju l-jedd ta' ħelsien minn żamma arbitrarja huwa jedd fundamentali li jgħodd għal kulħadd. Huwa magħdud li biex arrest jitqies arbitrarju, irid ikun wieħed li jikser xi waħda minn dawk il-kwalitajiet li jagħmluh arrest illegali. Biex arrest ikun wieħed legali, jeħtieġ li jkun wieħed li jaqa' taħt xi waħda mill-kategoriji speċifikati fil-Kostituzzjoni jew fil-Konvenzjoni u li jkun ukoll skond "il-proċedura preskritta bil-liġi". Dan ifisser li ċ-ċaħda tal-libertà hija imposta skont "*domestic lawfulness, both substantive and procedural, which is for national authorities to interpret*"[13]. Iċ-ċirkostanzi li jissemmew kemm fil-Kostituzzjoni u kif ukoll fil-Konvenzjoni huma l-eċċezzjonijiet li taħthom persuna tista' tiċċaħħad mil-libertà tagħha.

Il-każijiet maħsuba fl-Artikolu 5 (1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, u dawk maħsuba fl-Artikolu 34 (1) tal-Kostituzzjoni, ħlief għat-tieni u l-ħames ċirkostanzi, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna definittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-

[13] K. Reid, *A Practioner's Guide to the European Convention on Human Rights* (6th Edition, 2019), 477.

ordni pubbliku. Jingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus innoċenti sakemm ma jkunx instab ħati, u kif ukoll tal-prinċipju ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem jirbaħ fuq kollox.

F'dan ir-rigward fis-sentenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bndiem fl-ismijiet **Aden Ahmed v. Malta** (Appl Nru 55352/12) mogħtija fit-23 ta' Lulju 2013 ingħad li:-

> "*compliance with national law is not, however, sufficient: Article 5§1 requires in addition that any deprivation of liberty should be in keeping with the purpose of protecting the individual from arbitrariness. It is a fundamental principle that no detention which is arbitrary can be compatible with Article 5§1 and the notion of 'arbitrariness' in Article 5§1 extends beyond a lack of conformity with national law, so that a deprivation of liberty may be lawful in terms of domestic law but still arbitrary and contrary to the Convention.*"

Kemm l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni jipprovdu dwar meta arrest jew detenzjoni huma legali. Din il-legalità hija marbuta mal-eżistenza ta' dispożizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew detenzjoni. Għalhekk, l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt hu dak li jkun hemm dispożizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik.

F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra għalhekk tqis is-setgħat tal-Pulizija b'mod distint mis-setgħat tal-gwardjan impjegat mas-soċjetà intimata.

***a. Setgħat ta' arrest u detenzjoni mogħtija bil-liġi lill-Pulizija***

Is-setgħat tal-Pulizija li tarresta persuna jinstabu fl-**Artikoli 355V** (arrest b'mandat), **355X** (arrest mingħajr mandat iżda li jkun delitt punibbli bi

priġunerija) **u 355Y** (arrest għal kontravenzjonijiet, jew ta' delitti mhux suġġetti għal piena ta' priġunerija) **tal-Kodiċi Kriminali**.

Mill-qari tar-rikors promotur kif ukoll mill-qari tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent – għalkemm ir-rikorrent jagħti raġunijiet differenti fiż-żewġ atti – ma jidhirx li huwa qiegħed jallega li l-Pulizija m'għandhiex setgħa li tarresta. Dak li qiegħed jippremetti r-rikorrent fir-rikors promotur huwa li d-dritt tiegħu maħsub taħt l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni ġie leż mis-soċjetà intimata meta l-gwardjan privat allegatament għamel arrest mingħajr awtorità. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti għalhekk sejra tikkonsidra is-setgħat o meno li għandu gwardjan privat fil-vesti tiegħu ta' gwardjan kif ukoll bħala persuna privata.

**b.** ***Setgħat o meno ta' gwardjan privat sabiex jagħmel arrest u setgħat ta' persuna privata***

**Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta** jiddefinixxi gwardjan privata bħala "individwu li hu impjegat jew li jaħdem ma' aġenzija ta' gwardjani privati fil-provvista ta' servizzi ta' gwardjani privati inklużi dawk is-servizzi f'post ta' divertiment u servizzi ta' gwardjani privati speċjalizzati". L-Artikolu 2 tal-imsemmi kapitolu jipprovdi ukoll definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi f'servizzi ta' gwardjani privati u ċioe "kull servizz ta' gwardjani [...] mogħti minn individwu jew minn għaqda ta'persuni, korporata jew le, dwar – [...] (b) **il-prevenzjoni jew il-kxif ta'** frodi jew **serq**, telf, approprjazzjoni indebita jew ħabi ta' merkanzija, flus, bonds, *stocks*, noti jew dokumenti jew karti oħra"[14]. Din il-Qorti tqis li gwardjan privat ma jistax jipprevjeni jew jikxef serq jekk ma jwaqqafx lil dik il-persuna li għandu suspett fiha li ikkommettiet l-imsemmi reat.

Għalkemm Kapitolu 389 huwa sieket dwar jekk gwardjan privat għandux is-setgħa li jarresta persuna li fiha jkollu suspett li tkun ikkommettiet reat, il-**Kapitolu 9** jipprovdi dwar arresti minn persuni privati u dan jagħmlu taħt l-

[14] Enfasi tal-Qorti.

**Artikolu 355W**. Qabel l-emendi tal-2018, l-imsemmi artikolu kien jipprovdi hekk:

> "(1) Kulħadd ukoll jekk ma jkunx uffiċjal pubbliku jista' jagħmel arrest mingħajr mandat lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kemm għamel delitt li jolqot il-paċi u l-unur tal-familji u l-morali, xi delitt ta' omiċidju volontarju jew offiża kontra l-persuna, jew xi delitt ta' serq jew dħul volontarju illegali jew ħsara lill-proprjetà.
>
> (2) Min ikun qed jagħmel l-arrest taħt is-subartikolu (1) għandu mingħajr ebda dewmien jgħarraf lill-Pulizija li jkun għamel dak l-arrest u għandu jeżerċita dik is-setgħa biss sakemm din tkun għal kollox meħtieġa biex il-Pulizija tieħu f 'idejha l-persuna arrestata."

F'dan l-artikolu qiegħed għalhekk jingħata s-setgħa ta' arrest lil persuna privata mingħajr il-ħtieġa ta' mandat sabiex iżomm lil xi ħadd li jkun fl-att li jagħmel jew li jkun għadu kif għamel id-delitt ta' serq, fost reati oħrajn indikati fl-istess artikolu.

L-interpretazzjoni u l-applikazzjoni li għandha tingħata lill-Artikolu 355W – u konsegwentement l-eżenzjoni mis-sanzjoni tal-liġi għall-arrest illegali predisposta fl-Artikolu 86 – għandha tkun waħda restrittiva. Dan mhux biss biex tassigura li l-arrest mill-privat isir b'rispett u salvagwardja tad-drittijiet fundamentali tal-persuna li l-privat ikun ser jarresta, imma anke biex jiġi assikurat li dan id-dritt tal-privat jiġi eżerċitat eċċezzjonalment u konsegwentement jiġi evitat li kull min jidhirlu (ġustament jew inġustament) li xi ħadd ieħor għamel xi ħaġa ħażina, jusurpa l-poteri tal-pulizija bil-perikli kollha li dan jista' jġib miegħu.

Fil-ġurisprudenza lokali però ingħad ukoll li meta l-liġi tirreferi għal min ikun "għadu kemm għamel delitt", dan ma jfissirx illi l-persuna li tkun wettqet delitt trid tiġi arrestata skond l-artikolu 355W imsemmi proprju fil-post tad-delitt.

Fil-fatt tali artikolu jista' jitqies applikabbli anke fejn persuna li tkun għadha kemm għamlet delitt tiġi segwita (*chased*) mil-lok tad-delitt sa post ieħor.[15]

Hekk meqjus għalhekk fid-dawl tas-suespost li l-gwardjan privat tas-soċjetà intimata, bħala persuna privata kellu s-setgħa mogħtija lilu bil-liġi li jwaqqaf persuna li allegatament seraq, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-elementi l-oħra sabiex jiġi determinat jekk l-arrest kienx wieħed abbużiv.

Kemm l-Artikolu 34 (1) (f) tal-Kostituzzjoni kif ukoll l-Artikolu 5 (1) (ċ) tal-Konvenzjoni jirreferi għall-element ta 'suspett raġonevoli' li individwu jkun ikkommetta reat jew reati sabiex l-arrest tal-istess individwu jkun jista' jitqies legali. Kif irritenew il-Qrati Maltin kif ukoll il-Qorti Ewropea f'diversi sentenzi mogħtija minnhom, il-kriterju tar-raġonevolezza, għalkemm b'elementi soġġettivi, għandu jkun wieħed oġġettiv.[16] Dan ifisser illi huwa meħtieġ li jkun hemm il-bidu ta' provi ċari li jqanqlu f'dak li jkun konvinċiment morali li hija l-persuna suspettata u mhux ħaddieħor li għandu rabta mar-reat imwettaq jew li sejjer jitwettaq, u dan kif kienu jidhru ċ-ċirkostanzi fil-waqt tal-arrest jew taż-żamma. Fi kliem ieħor, għandu jiġi applikat il-kriterju ta' kif kienet tidher is-sitwazzjoni f'ħin u post partikolari lill-persuna li għamlet l-arrest b'mod raġonevoli u mhux kif kienet tidher is-sitwazzjoni lill-bniedem raġonevoli li jħares mill-bogħod u *ex post facto* lejn il-fatti kollha li verament eżistew.[17]

IL-QEDB fil-każ **O'Hara v. U.K** (Appl Nru 37555/97), deċiża fis-16 ta' Ottubru 2001 enfasizzat li:

---

[15] Ara **Il-Pulizija vs. Saviour Mifsud Bonnici** (App Krim 341/2011) deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' Mejju 2014.

[16] Ara **Dr. Jose' A. Herrera noe vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 1/2010) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' April 2011; **Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'April 1991; **Joseph Azzopardi vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXVIII.i.256) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 1994 u l-ġurisprudenza hemm imsemmija.

[17] Ara **Anthony Mifsud vs. Supretendent Carmelo Bonello et** (Rik Kost 176/1987/2) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Settembru 2009.

"*the 'reasonableness' of the suspicion on which an arrest must be based forms an essential part of the safeguard against arbitrary arrest and detention laid down in Article 5 § 1 (c) of the Convention. This requires the existence of some facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned may have committed the offence, though what may be regarded as reasonable will depend on all the circumstances of the case (see Fox, Campbell and Hartley v the United Kingdom, judgement of 30 August 1990, Series A No 182, p 16, § 32)*"[18]

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Lulju 1998 fl-ismijiet **Joseph Attard vs. Kummissarju tal-Pulizija** ingħad hekk dwar x'jista' jwassal għal suspett raġonevoli:

"Suspett raġonevoli jista' jkun bazat fuq ċirkostanzi li jkunu inammissibbli bħala prova, bħal, per eżempju, hearsay, jew fuq l-anteċedenti penali ta' dak li jkun. Jista' jkun bażat fuq drawwiet jew abitudnijiet tan-nies, jew ta' xi kategorija ta' nies, jew ta' xi post partikolari. Kif ingħad, kollox jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ."

In oltre is-suspett raġonevoli jibqa' jseħħ f'kull waqt li l-persuna tkun arrestata. Malli jintemm is-suspett raġonevoli, jew malli jaqbeż iż-żmien raġonevoli li jiġġustifikah, minnufih irid jintemm l-arrest jew iż-żamma. Madankollu, m'huwiex mistenni li fil-waqt tal-arrest, il-Pulizija jkollha diġà provi u xiehda biżżejjed biex bihom tista' minn dak il-ħin tressaq b'arrest lill-persuna suspettata. Dan ġie osservat ukoll mill-QEDB fis-sentenza surreferita **O'Hara v. U.K.**:

"36. *It may also be observed that the standard imposed by Article 5 § 1 (c) does not presuppose that the police have sufficient evidence to bring charges at the time of arrest. The object of questioning during detention*

[18] Ara wkoll: Q. **Tonio Vella vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Kollez. Vol: LXXV.i.106) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 t'April 1991; **Vincent Vella et noe vs. Kummissarju tal-Pulizija et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-21 ta' Jannar 1993; **Kotiy v. Ukraine** (Appl Nru. 18718/09), deċiża mill-QEDB fil-5 ta' Ġunju 2015.

*under sub-paragraph (c) of Article 5 § 1 is to further the criminal investigation by way of confirming or dispelling the concrete suspicion grounding the arrest. Thus facts which raise a suspicion need not be of the same level as those necessary to justify a conviction, or even the bringing of a charge which comes at the next stage of the process of criminal investigation (see Brogan and Others v. the United Kingdom, judgment of 29 November 1988, Series A no. 145-B, p. 29, § 53, and Murray v. the United Kingdom, judgment of 28 October 1994, Series A no. 300-A, p. 27, § 55).*"

Fid-dawl ta' dan l-insenjament sabiex il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk is-suspett kienx raġonevoli f'dak il-mument li sar l-arrest jeħtieġ li fil-proċeduri odjerni il-Qorti tara jekk il-gwardjan privat setax raġonevolment jkollu suspett fir-rikorrent fid-dawl tal-provi li kellu sa dak il-mument u mhux x'irriżulta wara.

Fil-każ in eżami, din il-Qorti tqis li fl-4 ta' Jannar 2017 il-gwardjan privat inkarigat mill-istabbiliment Homemate ra lir-rikorrent mis-CCTV idur l-ixkafef u ħin minnhom rah jaqbad xi ħaġa minn fuq xkaffa, xi ħaġa żgħira li ma dehritx f'idejh, iżda wara li neħħa idejh minn fuq l-ixkaffa, ir-rikorrent qiegħed dik l-id mill-ewwel ġewwa l-ġakketta jew but. Dan il-moviment qanqal suspett lil gwardjan privat. L-ixkaffar li dak il-ħin kien ħdejhom ir-rikorrent kellhom fuqhom oġġetti żgħar u għalhekk l-affarijiet faċilment jistgħu jinħbew ġewwa pala ta' id. Mix-xhieda jirriżulta li l-gwardjan privat baqa' jsegwi lir-rikorrent u fl-ebda ħin ma rah jerġa jqiegħed dak l-oġġett li kellu suspett li ħa fuq dik l-istess xkaffa jew xkaffa oħra fl-istabbiliment. Kien għalhekk li l-istess gwardjan ħalla lir-rikorrent jasal biex iħallas u kien biss meta ra li dan ma ħallas għal ebda oġġett li huwa waqqaf lir-rikorrent. Il-gwardjan privat żamm lil Formosa milli jitlaq mill-istabbiliment appena ra li r-rikorrent ma kienx ħallas għall-oġġett li huwa deher ipoġġi fil-ġakketta. Kien fil-mument meta r-rikorrent naqas milli jagħti informazzjoni dwar l-identità tiegħu u meta nnega li huwa kien ħa xi ħaġa mingħajr ma ħallas għaliha li l-

gwardjan ħa lir-rikorrent f'kamra fl-istabbiliment u ċioe il-*boardroom* sakemm ġew il-Pulizija, meta fil-pront ħadhom ħdejh u għaddieh lilhom.

Tnejn mit-tlett Pulizija raw il-filmat mis-CCTV, u t-tnejn ikkonfermaw li fil-filmat raw lil Formosa jieħu xi oġġett żgħir u ma deherx jirritornah lura.

Il-Kuntistabbli Cassar spjega fix-xhieda tiegħu li huwa ra lil Formosa jieħu oġġett u dar b'dahru lejn is-CCTV u għalhekk ma setax jara eżatt fejn poġġa l-oġġett iżda kien jidher li daħħalha fi ħwejġu.

Fil-fehma tal-Qorti, is-sitwazzjoni fil-ħin u l-post partikolari tat lok li l-gwardjan privat ikollu suspett raġonevoli li r-rikorrent kien seraq xi ħaġa. Għaldaqstant mill-eżami li sar minn din il-Qorti tal-fatti li tressqu f'din il-kawża, tara li fil-verità, kien hemm ċirkostanzi li bihom il-gwardjan privat seta' jkollu suspett raġonevoli fil-konfront tar-rikorrent u għalhekk kellu raġunijiet tajbin biżżejjed biex iżomm lir-rikorrenti taħt arrest sakemm jaslu l-Pulizija. Għall-kuntrarju ta' dak li jissottometti r-rikorrent, kien hemm elementi mad-daqqa t'għajn li kienu juru li r-rikorrent kien ħa xi ħaġa żgħira minn fuq l-ixkafef tal-istabbiliment u poġġiha fuq il-persuna tiegħu mingħajr ma eventwalment ħallas għaliha.

Hekk meqjus dak li ġie premess mir-rikorrent fir-rikors promotur imiss issa jiġi meqjus dak li ġie sottomess fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent. Fin-nota ta' sottomissjonijiet ir-rikorrent minflok iġġustifika għalfejn fil-fehma tiegħu l-gwardjan privat kien għamel arrest mingħajr ma kellu awtorità, għadda sabiex issottometta li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ma ħadux proċeduri kriminal fil-konfront tar-rappreżentat tas-soċjetà intimata u għalhekk kien hemm nuqqas min-naħa tal-istat li "jiehu passi kontra persuna privata meta din ta' l-ahhar tkun kisret id-drittijiet ta' persuna u ikkommettiet reat kontra l-persuna taghha"[19].

[19] Paġna 151 tal-proċess,

F'dan ir-rigward din il-Qorti tibda billi tissottolinea li hija l-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali li tiddetermina li kien hemm ksur tad-drittijiet ta' persuna u mhux il-Pulizija *ex officio*. L-ebda liġi ma tagħti s-setgħa lill-uffiċċjali tal-Pulizija jieħdu passi kontra persuna li allegatament kisret xi dritt fundamentali. Dan ifisser għalhekk li l-Pulizija ma setgħux u ma tistax tagħmel dak li qiegħed jippretendi r-rikorrent. Ir-rikorrent jislet mis-sentenza tal-QEDB fl-ismijiet **Premininy v. Russia** (Appl Nru 44973/04) mogħtija fl-10 ta' Frar 2011[20]. Din il-Qorti iżda tosserva li s-silta li huwa kwota tagħmel referenza għall-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u mhux għall-Artikolu 5. Kif ġie ikkunsidrat aktar 'il fuq ma jistax jitqies li ż-żamma tiegħu kienet waħda illegali jew abbużiv meta l-gwardjan privat kellu suspett raġonevoli li r-rikorrent ikkommetta reat kriminali.

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma ssibx li l-arrest tar-rikorrent kien wieħed illegali jew arbitrarju u għalhekk lanqas issib li l-arrest tar-rikorrent kien leżiv tad-dritt fundamentali tiegħu sanċit bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni.

Ikkunsidrat;

***Leżjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni***

Ir-rikorrent jinsisti li l-Pulizija ma kellhom qatt jipproċedu bl-*strip search* meta t-tfittxija minn fuq il-ħwejjeġ rriżultat fin-negattiv u lanqas ma kellhom jagħmlu *strip search* qabel ma eżaminaw il-filmat tas-CCTV. Jinsiti wkoll li l-imsemmija *search* ma kellhiex issir fil-preżenza ta' terzi.

L-**Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni** jaqra hekk:

"(1) Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.

[20] Minn paragrafu 71 sa 74.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn il-liġi in kwistjoni tawtorizza l-għoti ta' xi deskrizzjoni ta' piena li kienet legali f'Malta minnufih qabel il-ġurnata stabbilita.

(3) (a) Ebda liġi ma għandha tipprovdi għall-impożizzjoni ta' pieni kollettivi.

(b) Ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma tipprekludi l-impożizzjoni ta' pieni kollettivi fuq il-membri ta' korp dixxiplinat skont il-liġi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp."

L-**Artikolu 3 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."

Dawn id-dispożizzjonijiet jużaw kliem li juru li, l-projbizzjoni li xi ħadd jittratta lil xi ħadd ieħor b'mod inuman jew degradanti, hija waħda assoluta u li ma tħallix eċċezzjonijiet. Ifisser għalhekk li dawn id-dispożizzjonijiet jitfgħu fuq l-Istat obbligazzjoni pożittiva li jaraw li l-jedd jitħares u mhux biss obbligazzjoni fejn l-Istat jirrimedja wara li jkun seħħ ksur tiegħu. Huwa wkoll minħabba f'hekk li huwa mistenni li l-imġiba li minnha wieħed jilminta trid tkun ta' ċerta gravità u li tkun ippruvata fi grad għoli daqskemm xieraq skond in-natura tal-proċediment li jkun.

Mill-ġurisprudenza joħroġ mill-aktar mod ċar illi mhux kull forma ta' trattament li jista' jitqies kiefer jew li jista' jħalli effett devastanti fuq min jirċievih jikkwalifika bħala trattament inuman jew degradanti fit-termini tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni.

Fil-każ **Soering v. U.K. (1989),** il-Qorti qalet illi: *"The severity depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment or punishment, the manner and method of execution."* Fil-kawża **A and others v. U.K.** (Appl Nru 3455/05) deċiża fid-19 ta' Frar 2009 il-QEDB kompliet hekk

*"The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, it was* <u>*premeditated*</u>*, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical or mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feelings of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, among other authorities, Kudła v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a punishment or treatment was "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object was to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3. However, the absence of any such purpose cannot conclusively rule out a finding of a violation of Article 3."*

Kif ġie diġà ritenut aktar 'l fuq, dawn il-konsiderazzjonijiet kollha tal-Qorti Ewropea huma kwalifikati b'din l-eċċezzjoni:

*"In order for a punishment or treatment associated with it to be "inhuman" or "degrading", the suffering or humiliation involved must go beyond that inevitable element of suffering or humiliation connected with a given form of legitimate treatment or punishment (Ramirez Sanchez, cited above, §§ 118-119)".*

Il-QEDB qiegħda għalhekk teskludi mill-kwalifika bħala trattament inuman jew degradanti sofferenza, angoxxa u biża fost'oħrajn li persuna tista' t'esperjenza b'mod inevitabbli fid-dawl ta' trattament leġittimu. Huwa inevitabbli per eżempju li persuna li ssir taf li qed tiġi nvestigata dwar reat tħossha anzjuża u mbeżża' dwar l-eżitu tal-investigazzjonijiet għax dawn jistgħu jiddeterminaw jekk eventwalment tiġix akkużata jew le.  Hija ħaġa naturali li tiġi esperjenzata biżgħa u ansjeta' meta jkun hemm il-potenzjal ta' proċeduri kriminali.

Imma l-Konvenzjoni Ewropea (kif ukoll il-Kostituzzjoni tagħna) mhux minn dawn it-tip ta' emozzjonjiet u esperjenzi inevitabbli fiċ-ċirkostanzi ta' trattament leġittimu u skond il-liġi li qiegħda toffri l-protezzjoni tagħha. Il-protezzjoni għad-drittijet fundamentali hija kontra trattament fost affarijiet oħra premeditat, li jikkawża tbatija fiżika u mentali, u trattament intenzjonat u apposta li joħloq biża, twerwir, angoxxa eċċ bil-għan speċifiku li jumilja u jiddegrada lid-dinjità tal-persuna. Fil-fatt il-Qrati tagħna dejjem rritenew li "trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bhala tali jrid ikun ta' natura gravi, jigifieri li jkun trattament ta' certu piz u severita."[21]

Fis-sentenza **Dennis Tanti vs. Ministru tas-Sahha, L-Anzjani u l-Kura fil-Komunita et**, (Rik Nost Nru 60/12) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju 2017[22] saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Kif ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tad-19 ta' Ottubru, 2007, fl-ismijiet **Lawrence Gatt vs L-Onorevoli Prim'Ministru et**:
>
> Definizzjoni tat-terminoloġija użata fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem, kien ingħata mill-Kummissjoni Ewropea fl-hekk imsejħa Greek Case. Fir-rapport tagħhom ippubblikat fil-5 ta' Novembru 1969, jingħad a propożitu:
>
> "The notion of inhuman covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which, in the particular situation, is unjustifiable. The word "torture" is often used to describe inhuman treatment, which has a purpose, such as the obtaining of information or confession, or the infliction of punishment, and is generally an aggravated form of inhuman treatment. Treatment or punishment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience".

[21] **Joseph Briffa vs Kummissarju tal-Pulizija** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Gunju 1995.
[22] Ara wkoll **Tafarra Besabe Berhe vs. Kummissarju tal-Pulizija et** (Rik Nru 27/2007) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Novembru 2017.

Din id-definizzjoni giet konfermata mill-istess Kummissjoni fir-rapport taghha ppubblikat fil-25 ta' Jannar, 1976, fil-kaz "Ireland vs United Kingdom". F'dan ir-rapport intqal ukoll illi:

"Ill treatment must attain a minimum level of severity if it is to fall within the scope of Article 3. The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical or mental effects and, in same cases, the sex, age and state of health of the victim."

F'dan il-kuntest, l-awturi van Dijk u van Hoof, fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (3rd Edit. pag. 313) jaghmlu analizi ta' kawza ohra, l-East African Asians Case (irrapportata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Dicembru, 1973). Jinghad hekk mill-awturi fil-kuntest ta' dan il-kaz:

"It is clear that the answer to the question whether Article 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on the latter's subjective appreciations and feelings. In the East African Asians Case the Commission did not accept the "subjective" definition that the treatment of a person is degrading in the sense of Article 3 "if it lowers him in rank, position, reputation or character, whether in his own eyes or in the eyes of other people", and argued that - given the general purpose of this provision to prevent interferences with the dignity of man of a particularly serious nature - "**an action which lowers a person in rank, position, reputation or character can only be regarded as IIdegrading treatment" in the sense of Article 3 where it reaches a certain level of severity**".

Dan l-element ta' gravita jinsab ribadit ukoll mill-awturi Jacobs & White, fil-ktieb "European Convention on Human Rights" (3rd Edit. pag. 65) meta

jghidu: "**The defining feature of degrading treatment is the element of humiliation or debasement; the threshold of severity would appear to require that the humiliation is gross**".

Il-htiega li din l-umiljazzjoni tkun wahda gravi giet ennuncjata wkoll mill-Qrati taghna, partikolarment fil-kawza "**Galea vs Segretarju tad-Djar**", deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Lulju, 1977; f'din il-kawza ntqal ukoll li **trattament degradanti jehtieg ukoll li jwassal ghal vjolazzjoni serja ghad-dinjita tal-bniedem**. Dawn il-principji ta' intensita jew severita gew ribaditi mill-istess Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "Fenech vs Kummissarju tal-Pulizija", minnha deciza fl-20 ta' Frar, 1979, u fil-kawza "Wilch vs Seg. Parlamentari ghad-Djar et", deciza minn din il-Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1989. **Fil-fatt, jekk wiehed janalizza l-gurisprudenza lokali fejn sabet kaz ta' trattament degradanti, jinduna li l-kazijiet iridu jkunu ta' certu serjeta u gravita**. (enfasi mizjud minn din il-Qorti).

Hekk ukoll f'sentenza aktar recenti ta' din il-Qorti diversament preseduta, tal-14 ta' Gunju, 2016, fl-ismjiet **Anthony Gauci vs Transport Malta et**, inghad:

"Illi biex isehh ksur tal-artikolu 3, it-trattament degradanti jrid jintwera li "gravement ibaxxi lil dak li jkun quddiem haddiehor ... u jidher li llum hu generalment eccettat li biex trattament determinat jaqa' taht il-komminazzjonijiet tad-dispozizzjonijiet fuq citati [F'dan il-kaz, jigifieri l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni], jehtieg certu grad ta' gravita [Kost. 20.07.1977 fil-kawza fl-ismijiet Guzeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et (Dec. Kost. II, Gh.S.L., p549)]", li minghajru ma jkunx jista' jinghad li sehh ksur ta' dak il-jedd [Q.E.D.B. 06.10.2015 fil-kawza fl-ismijiet Lecomte vs Germanja (Applik. Nru. 80442/12) §§91-2]. Ghalhekk, biex trattament jitqies li jkun degradanti, irid jintwera li jmur lil hinn minn semplici inkonvenjenza jew disagju [Kost. 18.11.1989 fil-kawza fl-ismijiet Testa vs Attard noe et (Kollez. Vol: LXXIII.i.185)];

“llli b’zieda ma’ dan, huwa mitmum ukoll li minhabba li ‘trattament degradanti u inuman’ huma koncetti astratti, biex tassew jista’ jinghad li sehhew iridu “jikkonkretizzaw necessarjament f’xi fatt jew fatti materjali" li jkunu ta’ certa gravita [Kost. 08.05.2001 fil-kawza fl-ismijiet Bonello vs Onor. Prim Ministru et (Kollez. Vol: LXXXV.i.1)] li jitkejlu fuq l-effett li tali trattament halla fuq il-persuna li kienet suggetta ghalih [Kost. 05.04.1991 fil-kawza fl-ismijiet Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et (Kollez. Vol: LXXV.i.106)]. Minbarra dan, jista’ jkun il-kaz li l-qies dwar jekk imgieba partikolari tkunx wahda li ggibx ksur tal-imsemmi jedd irid ikun ‘judged by the circumstances of the case and the prevalent views of the time ... It is clear that the answer to the question whether Arlicle 3 has been violated, although depending on all the circumstances of the case, including such factors as the mental effects on the person concerned, is not entirely dependent on his subjective appreciations and feelings" [Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory and Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit. 2006), §7.3, f'p412 u 415];

“llli ghal dak li jirrigwarda l-piz tal-prova ta’ ksur tal-artikolu 3, jidher li jaqa’ fuq min jilminta mill-ksur tal-imsemmi jedd li jressaq prova lil hinn mid-dubju ragonevoli li tabilhaqq ikun sehh ksur tal-imsemmi artikolu [Q.E.D.B. 13.06.2002 fil-kawza fl-ismijiet Anguelova vs Bulgarija (Applik. Nru. 38361/97) §111]. Irid jinghad li din mhijiex fehma li maghha jaqbel kulhadd [Ara M. Schiavone (Ed.) When Judges Dissent (2008), f'p241-3]. Izda "such proof may follow from the coexistence of sufficiently strong, clear and concordant inferences or of similar unrebutted presumptions of fact. The conduct of the parlies when evidence is being obtained has to be taken into account [Q.E.D.B. 12.04.2005 fil-kawza fl-ismijiet Shamaiev et vs Gorgja u Russja (Applik. Nru. 36378/02) §338]",

“llli l-qies ta’ jekk trattament jaqax fil-parametri tal-artikolu 3 irid isir b’riferenza ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkun fil-qafas tieghu, maghduda l-mod ta’ kif jinghata, it-tul tieghu), l-effetti fizici u morali li

jhallu fuq il-persuna hekk trattata, u cirkostanzi ohrajn bhas-sess, l-eta u s-sahha tal-vittma. Trattament jitqies bhala inuman meta tal-anqas igib fuq il-vittma tbatija fizika jew psikika "intensa" mqar jekk mhux akkompanjata bi griehi li jidhru fuq il-gisem, u jekk "iqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biza', angoxxia u sens ta' inferjorita li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun sahansitra sakemm possibilment jabbattu r-rezistenza fizika jew morali tieghu" [Kost. 31.10.2014 fil-kawza fl-ismijiet Paul Caruana vs Id-Direttur tal-Habs et]. L-istharrig li trid taghmel il-Qorti dwar jekk it-trattament moghti jiksirx l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni (jew l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni) huwa marbut mat-tmien li l-kaz ikun qieghed quddiemha biex tqis l-ilment. [Kost 22.02.2013 fil-kawza fl-ismijiet Dilek Sahan et vs Ministru tal-Gustizzja u l-lntern et]"

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tapplika dawn il-konsiderazzjonijiet għall-każ in eżami. Tibda billi tagħmel referenza għall-**Artikolu 355AF tal-Kodiċi Kriminali** li jagħti s-setgħa lil Pulizija li tagħmel tfittxija fuq il-persuna arrestata:

(1) Uffiċjal tal-Pulizija jista' jagħmel perkwiżizzjoni minnufih fuq il-persuna arrestata:

(a) jekk l-uffiċjal tal-Pulizija għandu tassew għax jaħseb raġonevolment li l-persuna arrestata tista' tkun ta' periklu għaliha nnifisha jew għall-oħrajn; jew
(b) għal kull ħaġa li l-persuna arrestata tista' tuża b'għajnuna biex taħrab mill-kustodja; jew
(ċ) għal kull ħaġa li tista' tkun ta' prova li jkollha x'taqsam mar-reat.

(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 353[23] għandhom japplikaw għal kull perkwiżizzjoni taħt dan l-artikolu.

[23] L-Artikolu 353 jipprovdi hekk: "Ħlief f'każijiet urġenti u meta persuna tinqabad *inflagrante delicto* ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tawtorizza l-perkwiżizzjoni ta' persuna minn uffiċjal tal-Pulizija tas-sess oppost, jew li l-perkwiżizzjoni tkun magħmula minn uffiċjal tal-Pulizija li ma jkunx liebes l-uniformi jekk dan ma jkunx identifikat b'mod ċar bil-wiri ta' karta tal-identità tal-Pulizija."

Skont dan il-provvediment perkwiżizzjoni fuq il-persuna tista' ssir biss meta l-persuna tkun taħt arrest u sabiex l-arrest ma jkunx meqjus illegali u/jew abbużiv għandu jsir meta jkun hemm suspett raġonevoli u dan kif ġie kkunsidrat fid-dettal aktar 'l fuq. Dan ifisser għalhekk li ġaladarba kien hemm suspett raġonevoli u l-arrest kien wieħed legali, il-Pulizija tista' tagħmel tfittxija fuq il-persuna "għal kull ħaġa li tista' tkun ta' prova li jkollha x'taqsam mar-reat". F'dan il-każ għalhekk il-Pulizija kellhom is-setgħa li jagħmlu *strip search* fuq ir-rikorrent sabiex jiddeterminaw jekk kellux fuq il-persuna tiegħu l-oġġett allegatament misruq.

Il-QEDB fil-kawża **Yankov v. Bulgaria** (Appl Nru 39084/97) deċiża fil-11 ta' Diċembru 2001 osservat li

> "110. *In respect of other acts affecting the dignity of detainees, the Court has held that whilst strip searches may be necessary on occasion to ensure prison security or prevent disorder or crime, they must be conducted in an appropriate manner and must be justified. Even single occasions of strip-searches have been found to amount to degrading treatment in view of the manner in which the strip-search was carried out, the possibility that its aim was to humiliate and debase and the lack of justification (see Valasinas, cited above and Iwanczuk v. Poland, no. 25196/94, 15 November 2001).*"

Għaldaqstant dan it-tip ta' perkwiżizzjoni jeħtieġ li ssir b'mod xieraq, għandha tkun ġustifikata u li ma tumiljax lill-persuna. Ifisser għalhekk li meta perkwiżizzjoni fuq il-persuna ssir mingħajr raġuni ġustifikata u bl-għan li tumilja lill-persuna dan iwassal sabiex tali tfittxija twassal għal vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni (u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni wkoll).[24]

[24] Ara **Joseph Feilazoo vs. Direttur tal-Ħabs et** (Rik Kost 87/2015) deċiża mill-Prim'Awla mill-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Diċembru 2016 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-29 ta' Mejju 2019

Il-proċedura ta' kif għandha ssir perkwiżizzjoni f'Malta ġiet stabbilita f'linji gwida maħruġa fil-31 ta' Mejju 2002.[25] Ta' relevanza għal din il-kawża hija s-sezzjoni dwar kif għandha titwettaq tfittxija u s-sezzjoni speċifika fuq *strip searches*. Il-punt ta' tluq f'dawn il-linji gwida huwa li għandu jsir kull sforz sabiex jitnaqqas l-imbarazzament li wieħed jista' jgħaddi minnu waqt tfittxija. Jeħtieġ li jkun hemm ko-operazzjoni mill-persuna li fuqha sejra ssir it-tfittxija u jekk ma jkunx hemm dik il-ko-operazzjoni jew ikun hemm reżistenza imbagħad f'dak il-każ issir *forcible search*. Jingħad ukoll li

> "14. *The thoroughness and extent of a search must depend on the nature of the object suspected of being carried, and the character of the person concerned. In the case of a small article which can easily be concealed, such as drugs, and which might be concealed anywhere on the person, a more extensive search may be necessary*."[26]

Fil-każ odjern, ir-rikorrent ikkopera mal-Pulizija u ma jidhirx mit-traskrizzjoni preżentata mir-rikorrent stess li huwa kien qiegħed isib xi problema li ssir tfittxija fuqu. Ġaladarba l-oġġett allegatament misruq kien wieħed żgħir, il-Pulizija ħassew li jkun għaqli li ssir tfittxija estensiva u talbu għalhekk lir-rikorrent sabiex jibda jneħħi ħwejġu. Il-proċedura ta' kif dan għandu jsir hija spjegata fil-linji gwida u ċioe li l-ewwel jitneħħew il-ħwejjeġ tal-parti ta' fuq tal-ġisem u wara li ssir tfittxija fuq il-ħwejjeġ u *visual examination* tal-parti ta' fuq tal-ġisem, l-arrestat jiġi mitlub jilbes il-ħwejjeġ u wara ssir l-istess proċedura għan-naħa t'isfel tal-ġisem. Ir-rikorrent ma llamentax li din il-proċedura ma ġietx segwieta. Mit-traskrizzjoni ppreżentata minnu stess għalkemm b'mod ripetut informa lill-Pulizija li ser jagħmel rapport huwa ma sab l-ebda problema li jneħħi ħwejġu tant li kien lest ineħħi l-ħwejjeħ tal-parti t'isfel tal-ġisem mill-ewwel u kien is-Surġent li waqfu u qallu "pass pass"[27] u gwidah skont il-premessi tal-linji gwida. In oltre, il-Pulizija preżenti kienu kollha tal-istess ġeneru tar-rikorrent u ma kien hemm ħadd preżenti fil-kamra ta' ġeneru oppost u għalhekk din hija linja gwida oħra li ġiet osservata.

---

[25] GHQ Circular No 54/2002: Searches on the person.
[26] Retro paġna 115 tal-proċess.
[27] Paġna 57 tal-proċess.

Ir-rikorrent jillamenta però li l-fatt li kien hemm preżenti tlett Pulizija u mhux tnejn, kif hemm imniżżel fil-linji gwida, iwassal fil-fatt għall-ksur tal-linji gwida u leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

It-test tal-linji gwida jipprovdi hekk: "*the number of officers in attendance during a strip search shall be kept to the minimum of two unless the circumstances, having regard to the co-operation of the person searched as well as the security and safety of others, demands otherwise*."

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, għalkemm it-tfittxija kienet qiegħda ssir ġewwa kamra privata, din l-istess kamra kienet aċċessibbli għal terzi (*staff* tas-soċjetà intimata) u kien jeħtieġ għalhekk li joqgħodu għassa tal-bieb ukoll sabiex ma jidħol ħadd fuqhom u sabiex fl-istess ħin jgħattu lir-rikorrent minn għajnejn il-gwardjan privat li kien preżenti wkoll fil-kamra – jekk kienx qiegħed b'dahru lejn ir-rikorrent jew iħares lejn ir-rikorrent m'hijiex eżattament ċara mix-xhieda għaliex filwaqt li r-rikorrent jgħid li kien qiegħed iħares lejhom tant li f'ħin minnhom qal lill-Pulizija sabiex ifittex f'but partikolari u ipponta lejn il-but, il-Pulizija preżenti waqt il-perkwiżizzjoni kollha ħalfu li l-gwardjan privat kien in-naħa l-oħra tal-kamra b'dahru lejhom. Il-preżenza tal-gwardjan privat waqt it-tfittxija sejra tiġi kkunsidrata fid-dettal aktar 'l isfel. Dwar il-preżenza ta' tlett pulizija minflok tnejn, fil-fehma tal-Qorti ma tagħti l-ebda lok għal leżjoni tal-artikolari trattati taħt din is-sezzjoni. Il-Qorti pjuttost tqis li il-preżenza tat-tielet pulizija kienet għal benfiċċju tar-rikorrent stess sabiex ikun mgħotti mill-gwardjan privat u wkoll minn kwalunkwe persuna oħra li setgħet tipprova tidħol ġewwa dik il-kamra li kien ser issib lill-Kuntistabbli Mario Cassar ma' wiċċu.

Dan kollu meqjus, il-Qorti però tqis ukoll li seħħew ċirkostanzi li fil-fehma tagħha taw lok għal trattament degradanti ai termini tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u fil-fehma tal-Qorti dan għamlu fuq żewġ binarji.

L-ewwel ċirkostanza hi meta l-Pulizija iddeċidiet li tagħmel *strip-search* fuq ir-rikorrent mingħajr ma l-ewwel rat il-filmat tas-CCTV u qagħdet fuq il-kelma tal-gwardjan privat. Mit-traskrizzjoni ppreżentata mir-rikorrent, a contrario ta' dak li jgħidu l-Pulizija, fl-ebda ħin ma taw l-għażla lir-rikorrent jekk għandhiex it-tfittxija fuq il-persuna tiegħu ssir l-ewwel jew jekk għandhomx l-ewwel jaraw il-filmat mis-CCTV. Fit-traskrizzjoni imkien ma jidher li r-rikorrent kien mgħaġġel biex jitlaq kif qegħdin jallegaw il-Pulizija. Di più, skont l-istess traskrizzjoni ir-rikorrent ma ġiex irrilaxxat qabel ma raw il-filmat għalkemm il-Qorti ma tistax tistrieħ kompletament fuq din il-parti tat-traskrizzjoni u dan għaliex l-Espert Tekniku Dr. Martin Bajada osserva li din ir-reġistrazzjoni intemmet b'mod ħesrem. Il-Pulizija fix-xhieda tagħhom ukoll ma jaqblux jekk ġiex rilaxxat qabel raw il-filmat jew wara li raw il-filmat. Jidher però li r-rikorrent xorta kien jeħtieġlu jmur l-għassa magħhom sabiex jiffirma xi dokumenti. Għalhekk xejn mhu loġiku dak li jingħad mill-Pulizija li għamlulu t-tfittxija qabel raw il-filmat għaliex kien mgħaġġel u ried jitlaq. Spjegazzjoni tal-pulizija li fil-fehma tal-Qorti ma tagħmilx sens fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.

Skont il-linji gwida "*Strip search may only be carried out when an officer has a reasonable suspicion that prohibited articles, or articles that have, or may be used in the commission of an offence, are concealed on a person's body and cannot be otherwise detected.*"[28] Għaldaqstant ġaladarba kien hemm modi oħra kif setgħa jiġi determinat jekk l-oġġett kienx ġie misruq jew le, id-deċiżjoni tal-Pulizija li jagħmlu *strip search* f'dak il-mument u ċioe qabel raw il-filmat ma kinitx waħda ġustifikata u li fil-fehma tal-Qorti waslet għal trattament degradanti. Il-Qorti probabbilment kienet tasal għal konklużjoni diversa li kieku l-Pulizija għamlu l-*strip search* wara li raw il-filmat u dan għaliex kien ikollhom raġuni ġustifikata bbażata fuq dak li raw fil-filmat u mhux sempliċiment tistrih fuq xi ħaġa li intqal lilhom minn gwardjan privat.

[28] Paġna 116 tal-proċess.

It-tieni ċirkostanza li fil-fehma tal-Qorti tat lok għal trattament degradanti kien fil-mument li l-gwardjan privat baqa' fil-kamra waqt li kienet qiegħda ssir il-perkwiżizzjoni fuq il-persuna tar-rikorrent.

Tibda billi tagħmel referenza għal-linja gwida fejn ingħad li "*where on reasonable grounds it is considered necessary to conduct a more thorough search by the removal of outer clothing, this **shall be done out of public view and in private**.*"[29] Li l-perkwiżizzjoni ssir fil-privat u mhux f'għajnejn il-pubbliku hija enfasizzat fil-linji gwida tant li jingħad ukoll li "*The search shall be carried out in a place which is private and clean, is **not accessible by the general public and that the person being searched cannot be seen by anyone else besides the police officers conducting the search**.*"[30]

Il-ħtieġa li l-perkwiżizzjoni fuq il-persuna ssir fil-privat m'hijiex biss proċedura mniżżla fil-linji gwida iżda hija proċedura li l-QEDB dejjem irriteniet li għandha tkun segwita b'rigorożita u li kull perkwiżizzjoni għandha ssir "*in appropriate manner*".[31] Fis-sentenza **Iwanczuk v. Poland** (Appl Nru 25196/94) deċiża mill-QEDB fil-15 ta' Novembru 2001 sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni meta "*the applicant was ordered to strip naked in front of a group of prison guards*." Qieset li " *No compelling reasons have been adduced to find that this order was, in the light of the applicant's personality and all the other circumstances of the case, necessary and justified by security reasons*."

Fil-każ odjern ma ntwerriex li kien hemm ħtieġa li l-gwardjan privat ikun preżenti fl-istess kamra fejn kienet qed issir l-i*strip search* fuq ir-rikorrent. Ma rriżulta minn imkien li r-rikorrent ried li l-gwardan privat ikun preżenti waqt l-i*strip search*. Ir-rikorrent kien qiegħed jikkopera mal-Pulizija, ma uża l-ebda forza u lanqas ma ntwera li kien persuna vjolenti li kien jeħtieġ li jkun hemm aktar sigurtà oltre l-presenza tal-uffiċjali tal-pulizija.

[29] Retro paġna 115 tal-proċess. Enfasi miżjud mill-Qorti.
[30] Paġna 116 tal-proċess. Enfasi miżjud mill-Qorti.
[31] Ara fost oħrajn **Wainwright v. U.K.** (Appl Nru 1250/04) deċiża fis-26 ta' Settembru 2006.

Il-QEDB fis-sentenza **Filiz Uyun v. Turkey** (Appl Nru 7496/03) deċiża fit-8 ta' Jannar 2009 sabet li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 3 meta sar użu minn "*handcuffs during an examination by a gynaecologist, and the presence of three male security officers in the examination room during consultation,* ***even behind a folding screen****, were disproportionate security measures, when there were other practical alternatives*". Għalkemm iċ-ċirkostanzi f'dik il-kawża m'humiex identiċi għal każ odjern, però hemm assimilazzjoni fejn fil-każ in eżami l-Pulizija kienu qegħdin jgħattu lir-rikorrent. Fil-fehma tal-Qorti m'huwiex biżżejjed li wieħed ikun mgħotti mill-Pulizija, iżda jeħtieġ li l-post ikun privat, 'il bogħod mill-għajnejn tal-pubbliku. Il-gwardan privat ma hux uffiċjal tal-pulizija u l-presenza tiegħu fl-istess kamra fejn ir-rikorrent kien assoġġettat għall-istrip search iwassal għal trattament degradanti b'konsegwenzi psikoloġiċi serji.

Sabiex isaħħaħ il-punt dwar l-effetti psikoloġiċi li dan it-trattament ħalla fuqu, ir-rikorrent ressaq lil Psikjatra Dr. Joseph Spiteri fejn spjega li Formosa kien qiegħed isofri minn anzjeta qawwija relatata mal-inċident. Spjega li waqt id-dijanjosi huwa ra li kien hemm il-kriterji kollha *ta' post-traumatic stress disorder (PTSD)*, liema trawma hija waħda permanenti.

Il-Qorti għalhekk qed tikkonkludi illi mhux minnu dak allegat mill-pulizija li kien ir-rikorrent li insista magħhom li jagħmlu l-i*strip search* qabel ma jaraw il-filmat ta' CCTV. Il-provi juru mod ieħor. Huwa evidenti li l-uffiċjali tal-pulizija ma qalux il-verita' b'tentativ sabiex jiskolpaw ruħhom mill-fatt li naqsu serjament meta ma insistewx li jaraw il-filmat qabel ma jifformaw opinjoni jekk l-istrip search kienx neċessarju.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti tikkonkludi li n-nuqqas ta' ġustifikazzjoni li saret *strip search* min-naħa tal-Pulizija qabel ma raw il-filmat tas-CCTV u l-preżenza tal-gwardjan privat waqt l-istess perkwiżizzjoni jammontaw għal-leżjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

***Leżjoni tal-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni***

Ir-rikorrent amalgama dawn l-artikoli mal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u għalhekk l-istess sottomissjonijiet mogħtija mir-rikorrent taħt dawk l-artikoli japplikaw taħt din is-sezzjoni wkoll.

L-**Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni** jispjega li

"(1) Ħlief bil-kunsens tiegħu stess jew b'dixxiplina tal-ġenituri, ħadd ma għandu jiġi assoġġettat għat-tfittix fuq il-persuna tiegħu jew proprjetà tiegħu jew għad-dħul minn oħrajn fil-post tiegħu.

(2) Ebda ħaġa li hemm fi jew li hija magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan l-artikolu safejn dik il-liġi tagħmel provvediment –

(a) li jkun raġonevolment meħtieġ fl-interess tad-difiża, sigurtà pubblika, ordni pubbliku, moralità jew deċenza pubblika, saħħa pubblika, pjani regolaturi ta' bliet u rħula, l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' risorsi minerali, jew l-iżvilupp u utilizzazzjoni ta' xi proprjetà b'dak il-mod biex jinġieb 'il quddiem il-beneficċju pubbliku;
(b) li jkun raġonevolment meħtieġ sabiex jinġiebu 'l quddiem id-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni oħra;
(ċ) li jawtorizza dipartiment tal-Gvern ta' Malta, jew awtorità tal-gvern lokali, jew għaqda korporata mwaqqfa b'liġi għal skop pubbliku, li jidħol fil-post ta' xi persuna sabiex jispezzjona dak il-post jew xi ħaġa li jkun hemm fih għall-fini ta' xi taxxa, rata jew drittijiet jew sabiex jagħmel xogħol li għandu x'jaqsam ma' xi proprjetà jew xi installazzjoni li tkun legalment f'dak il-post u li tkun ta' dak il-Gvern, dik l-awtorità, jew dik l-għaqda korporata, skont il-każ; jew
(d) li jawtorizza, għall-fini ta' esekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' qorti, it-tfittix ta' xi persuna jew proprjetà b'ordni ta' qorti jew dħul f'xi post b'ordni bħal dak, jew li jkun meħtieġ sabiex jiġu evitati jew mikxufa reati kriminali, u

ħlief safejn dak il-provvediment jew, skont il-każ, il-ħaġa magħmula skont l-awtorità tiegħu, hija murija li ma tkunx ġustifikabbli raġonevolment f'soċjetà demokratika."

L-**Artikolu 8 tal-Konvenzjoni** jipprovdi li

"(1) Kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu.

(2) Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorità pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi u li jkun meħtieġ f'soċjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-egħmil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' ħaddieħor."

Kemm l-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni jenunċjaw id-dritt li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-privatezza ta' daru u ta' persuntu. Madankollu, din il-Qorti tinnota li dan id-dritt m'huwiex dritt assolut u l-istess artikoli proprju taħt it-tieni sub-artikoli rispettivi, jaħsbu għal dawk l-istanzi fejn huwa permissibbli li jkun hemm interferenza fit-tgawdija ta' dan id-dritt. It-tieni sub-artikoli rispettivi jipprovdu li huwa permissibbli li jkun hemm interferenza fit-tgawdija ta' dawn id-drittijiet diment li tali interferenza ssir skont il-liġi u tkun meħtieġa f'socjetà demokratika sabiex jiġi assigurat l-ordni pubbliku u jiġu evitati t-twettiq ta' delitti.

Kif rajna qabel supra, il-Qorti sabet illi ma kienx mogħti lill-uffiċjali tal-pulizija li jikkonduċu strip search fuq il-persuna tar-rikorrent qabel ma ffurmaw opinjoni li kien hemm suspett raġjonevoli li r-rikorrent setgħa kkommetta reat kriminali. Ssib għalhekk illi f'dak l-istanti, l-aġir tal-uffiċjali tal-pulizija kiser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikolu 38 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

**Rimedju - Danni Morali**.

Tenut kont il-gravita' tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, il-Qorti ma tqisx illi dikjarazzjoni ġudizzjarja waħedha tagħmel ġustizzja mar-rikorrent.

Tqis illi fiċ-ċirkostanzi huwa indikat li l-Qorti tordna l-ħlas ta' dann morali. Dwar il-quantum ta' tali danni l-Qorti hi gwidata mis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Jennifer Koster vs Kummissarju tal-Pulizija et.**"mogħtija fis-17 ta' Marzu 2021.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata Homemate Company Limited u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

2. Tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat konformement ma' dak hawn deċiż;

3. Tilqa' parzjalment l-ewwel talba tar-rikorrent u tiddikjara li kien hemm leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent protetti bl-Artikoli 36 u 38 tal-Kostituzzjoni u bl-Artikoli 3 u 8 tal-Konvenzjoni b'konsegwenzsa tal-aġir tal-uffiċjali tal-pulizija fil-konfront tar-rikorrent kif fuq spjegat;

4. Tilqa' t-tieni talba limitatament fil-konfront tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija;

5. Tillikwida d-danni non-pekunjarji fis-somma ta' elf Ewro (€1,000);

6. Tikkundanna lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija iħallas lir-rikorrent is-somma ta' elf Ewro (€1,000) rappreżentanti d-danni non-pekunjarji fuq likwidati.

Bl-Spejjeż kontra l-intimat Kummissarju tal-Pulizija.

**Moqrija**.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Ġunju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**